Vol 29
Nru 159
Jannar - Marzu 2008

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
P. Ġwann Azzopardi OFM

ABBONAMENT:
€ 7 fis-sena
€12 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2008

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# Werrej

16



26



34





36


5 L-Arkeoloġija u t-T.Ġ. (2)

16 Il-Martirju u l-Kult ta' S.Stiefnu

26 L-Iskrittura u l-Pellegrinaġġ

32 Iċ-Ċirkustanzi soċjali tal-Lhud

34 L-Inbid fil-Bibja

36 It-Tieġ f'Kana

Il-Bibbja f'idejna::

41 Il-Ktieb tal-Profeta Ġoel

43 Il-Ktieb tal-Profeta Żakkarija

41 Il-Ktieb ta' Ester




43

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## Nitilgħu lejn Ġerusalemm

Fl-aħħar ġranet ta' Jannar il-belt ta' Ġerusalemm dehret bajda b'kisja ħafifa ta' borra li fl-Art Imqaddsa mhix tant komuni. Il-Belt il-Qaddisa taffaxxina lil kull min iħares lejha, kemm fil-ġranet xemxin tas-sajf kif ukoll fil-jiem xitwin. Il-pellegrini u t-turisti ma jonqsux, u din is-sena jidher li lanqas il-bard tax-xitwa ma żammhom milli jiġu.
Il-pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa hu okkażjoni unika għal kull nisrani. Għax l-Art Imqaddsa minn dejjem kienet art il-pellegrinaġġi. Ta' kull sena l-Lhud imorru lejn Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid, u għal sekli sħaħ ilhom jgħidu: "Nitilgħu lejn Ġerusalemm". Il-fatt li Ġerusalemm tinsab fil-għoli (800 metru) inissel fil-pellegrin li jkun riesaq lejha, kemm mill-ajruport ta' Ben Gurion f'Tel Aviv, kif ukoll mill-Wied tal-Ġordan, sens ta' rfigħ 'il fuq ta' l-ispirtu. Ġerusalemm tibqa' s-simbolu tas-sema, li lejha kull nisrani riesaq fil-pellegrinaġġ tal-ħajja tiegħu. Għalhekk il-pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm u l-Art Imqaddsa hu simbolu tal-pellegrinaġġ lejn is-sema.
Din is-sena se jkollna l-opportunità li norganizzaw tmien pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa. Għall-Kummissarjat ta' Malta dan inissel sodisfazzjon kbir, għax jindika li, għalkemm limitati fin-numru, il-Maltin draw jiġu fl-Art ta' Ġesù magħna l-Franġiskani, għax jafu li nistgħu noffrulhom okkażjoni unika ta' mixja ta' fidi. Il-pellegrinaġġi ta' din is-sena se jieħdu bixra għal kollox partikulari, għax tnejn



*...editorjal*

*Nitilgħu lejn Ġerusalemm*

minnhom huma mmexxijin rispettivament mir-ragħajja spiritwali tal-Knisja f'Malta. Fi Frar żar l-Art Imqaddsa l-isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, flimkien mas-seminaristi tad-djoċesi. Din mhix l-ewwel żjara tiegħu fl-Art Imqaddsa. Diġà ġie tliet darbiet bħala isqof. U fl-ewwel ġranet ta' April se jkollna l-unur li nakkumpanjaw lill-Mons. Arċisqof ta' Malta, Pawlu Cremona OP, flimkien ma' pellegrinaġġ nazzjonali ta' 180 persuna.
Il-preżenza ta' l-isqfijiet tagħna hi mimlija tifsir, għax turi li l-Knisja f'Malta tifhem li l-Art Imqaddsa hi l-post privileġġjat għall-esperjenza ta' kuntatt ma' Kristu u l-Evanġelju. Aħna l-Franġiskani nħossuna kburin b'dan l-apostolat li aħna msejħin li naqdu, meta nakkumpanjaw il-pellegrini. Fl-istess ħin nifhmu li għandna responsabiltà serja għax aħna msejħin li nħarsu s-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa f'isem il-Knisja, u għalhekk irridu niftħu idejna u qalbna biex nilqgħu lill-insara kollha li jiġu fl-Art Imqaddsa. Is-servizz li nippruvaw nagħtu b'mod professjonali ma jfissirx li aħna rridu nkunu esklussivi, imma li nħossu li din hi missjoni tagħna, kif reliġjużi oħrajn għandhom missjoni tagħhom importanti għall-ġid tal-Knisja.
Il-ħidma tal-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa mhijiex waħda ta' propaganda għal skopijiet turistiċi. Nibqgħu nemmnu li aħna msejħin biex noffru servizz ta' evanġelizazzjoni l-ewwel u qabel kollox. Min-naħa tagħna dejjem konna miftuħin biex ngħinu lil kull min ried jiġi fl-Art Imqaddsa, ukoll għal perjodi twal ta' żmien. Għalkemm limitati fil-personal, mezzi u ambjent li fih naħdmu, aħna rridu nkomplu noffru lill-poplu tagħna dan is-servizz li nagħmluh bil-qalb u biss bi skop li nxerrdu l-imħabba għall-Kelma ta' Alla.
Nitolbu biex din il-ħidma tissokta u biex il-Mulej jagħti d-don tas-sliem lill-Art Imqaddsa, ħalli kull nisrani jkun jista' jiġi u jitla' bil-ferħ lejn il-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm.




# L-ARKEOLOĠIJA U T-TESTMENT IL-ĠDID (2)

## Kafarnahum

Dak li llum hu x'aktarx l-aktar raħal imħares tajjeb taż-żmien Ruman-Biżantin, u wieħed mill-aktar siti arkeoloġiċi sbieħ fl-Art Imqaddsa, sa l-1920 kien għadu borġ kbir ta' ġebel li l-Għarab lokali kienu jsejħulu Tell Hum. Il-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa xtrat dawn il-ħerbiet mitt sena ilu, bit-tama li l-isem Tell Hum seta' kien isem li jħares fih l-isem

antik ta' Kefar Nahum, "ir-raħal ta' Nahum", Kafarnahum ta' l-Evanġelji. Ħarġu għad-dawl iż-żewġ ċentri tal-ħidma ta' Ġesù fir-raħal – is-sinagoga u d-dar ta' Pietru. Is-sinagoga li naraw illum hi datata għas-sekli 4-5 w.K. Imma, wara snin twal ta' riċerka (1969-1981) instabu wkoll il-fdalijiet tas-sinagoga ta' żmien Ġesù f'livell aktar baxx imma fl-istess post. Skond Luqa 7,4-5 din is-sinagoga ta' l-1 seklu kienet inbniet minn ċenturjun Ruman.

Taħt il-fdalijiet tal-binja ottagonali tal-knisja Biżantina li ħarġet għad-dawl fl-1921, instabu wkoll il-fdalijiet ta' dar tar-raħal li saret oġġett ta' studju attent fid-diversi livelli arkeoloġiċi tal-binja tagħha. Jidher li fl-ewwel nofs ta' l-1 seklu hi kienet dar privata – dar ordinarja fost ħafna oħrajn fir-raħal. Imma fit-tieni nofs ta' l-istess seklu inbidel l-iskop ta' l-użu tagħha. Hi saret dar li bdiet tintuża għall-kult, u damet hekk sa qrib is-sena 400 w.K. F'data qrib din is-sena waħda pellegrina jisimha Egeria rat din id-dar bejn wieħed u ieħor fl-istat oriġinali tagħha. Hi tikteb fid-djarju tagħha: "F'Kafarnahum id-dar tal-Prinċep ta' l-appostli illum hi knisja, imma l-ħitan tad-dar għadhom ippreservati". Fl-istess żmien, mela, id-dar kienet saret post ta' kult, jew «domus-ecclesiae» (dar-knisja), bl-istrutturi oriġinali li kienu għadhom jidhru.

Ftit tas-snin wara l-Biżantini għattew din id-dar venerata u fuqha bnew knisja kbira ottagonali, eżattament fuq il-ħitan tad-dar. Mal-fdalijiet tat-tikħil tal-ħitan, l-arkeoloġi sabu 131 graffiti miktubin b'ilsna diversi – Grieg, Aramajk, Sirjak u Latin. Fost dawn l-iskrizzjonijiet hemm invokazzjonijiet lill-"Mulej Ġesù Kristu" u l-isem ta' Pietru wkoll jinsab imnaqqax. Instabu diversi simboli, bħalma huma slaleb ta' għamliet differenti, u ġifen, kif ukoll monogrammi bl-ismijiet ta' Ġesù u ta' Pietru, u wkoll diversi disinji dekorattivi – fjuri, slaleb, rummien, tin, trifolji, disinji floreali u ġeometriċi.

Bejn is-sinagoga u d-dar ta' Pietru, fuq ix-xaqliba tal-lvant, instab il-«cardo maximus», jew it-triq



ewlenija tar-raħal. Din it-triq tinżel mit-tramuntana għan-nofsinhar. Fuq il-ġnub tagħha hemm 10 «insulae», jew kwartieri ta' abitazzjonijiet. Dawn l-«insulae» huma delimitati minn toroq sekondarji li jiltaqgħu mal-«cardo maximus» u jaqsmuh. Dawn it-toroq huma «decumani», jew toroq li jaqsmu fid-direzzjoni punent-lvant. Kull «insula», jew blokk ta' abitazzjonijiet, kellha daħla waħda mit-triq. Id-daħla għad-dar ta' Pietru tinsab fuq il-«cardo maximus» fuq ix-xaqliba tal-lvant. Kien hemm bieb li l-għatba tiegħu għadha mħarsa fil-post. Quddiem il-bieb kien hemm spazju vojt li kien iwassal sat-triq. Dwar dan id-dettall nerġgħu nitkellmu dalwaqt. B'hekk, l-iskavi ta' Kafarnahum ħarġu riżultat spettakolari. Qabel xejn, huma solvew darba għal dejjem il-kwestjoni ta' fejn kienet tinsab Kafarnahum, li qabel kienet diskussa. It-tieni, l-iskavi reġgħu ħarġu għad-dawl il-ħajja tar-raħal antik ta' Ġesù. Meta nħarsu lejn Kafarnahum nistgħu nimxu fuq il-passi ta' Ġesù fid-diversi movimenti tiegħu f'dan ir-raħal. Minkejja l-evidenza kollha, l-interpreti moderni mhux dejjem iħaffu biex jagħmlu relazzjoni bejn ir-riżultati arkeoloġiċi u t-testi ta' l-Evanġelji. Per eżempju, żewġ kummentarji reċenti fuq l-Evanġelju ta' Mark minn Gnilka u Pesch ma jagħtu l-ebda kas ta' l-iskavi u għadhom iqisu l-identifikazzjoni ta' Kafarnahum bħala diskussa. Jidhru li huma interessati biss fi problemi letterarji u teoloġiċi. Jeħtieġ li mmorru lura almenu mitt sena biex insibu kummentarji li huma interessati fid-dettalji materjali tal-postijiet u l-ġrajjiet, anke jekk dak iż-żmien kienu neqsin mill-evidenza arkeoloġika.

## Tabgha

Kafarnahum kienet tinsab fuq it-triq prinċipali li kienet tgħaqqad il-kosta tal-Mediterran ma' Damasku – triq li kienet tissejjaħ «Via Maris», it-Triq tal-Baħar, li kienet titla' mill-Eġittu lejn il-Mesopotamja. Dan hu konfermat mis-sejbien f'Kafarnahum ta' ġebla miljari li fuqha hemm imnaqqax l-isem ta' l-imperatur Adrijanu. Għalkemm l-iskrizzjoni hi mkissra fin-naħa ta' isfel, x'aktarx li l-imperatur kien sewwa t-triq li fi żmienu kienet issegwi l-istess traġitt tat-triq ta' żmien Ġesù. Dan hu element importanti fit-topografija ta' l-Evanġelji.
Matul din it-triq, xi 3 kilometri fuq il-punent





*Statwa ta' San Pietru f' Kafarnahum*

ta' Kafarnahum, insibu l-post ta' Tabgha («Heptapegon» jew "Seba' Nixxigħat"), post li fih bosta nixxiegħat ta' ilma li kienu magħrufin sa mill-qedem. F'dawn l-inħawi t-tradizzjoni Kristjana tas-seklu 4 kienet tqiegħed tliet santwarji li jfakkru ġrajjiet ta' l-Evanġelji: il-Beatitudni, il-Miraklu tat-tkattir tal-ħobż u l-ħut, u l-Primat ta' Pietru («Mensa Domini»). L-esplorazzjoni arkeoloġika li għamel P. Stanislao Loffreda madwar il-knisja tal-Primat, ħarġet għad-dawl xi elementi importanti għall-istorja tas-sit fi żmien l-Evanġelji. Wieħed mir-riżultati kien li, kuntrarjament għall-opinjoni ta' esploraturi fis-seklu 19, iż-żona ta' Tabgha fi żmien Ġesù kienet barriera; fil-fatt, sal-lum il-blat għadu jidher imxerred ma' kullimkien. Mela din kienet żona li fiha ma kinux joqogħdu nies u l-art ma kinetx maħduma. Kienet tinsab taħt l-għolja li llum tissejjaħ l-Għolja tal-Beatitudni, eżatt fuq l-Għadira. Kif sejrin naraw, dawn l-elementi jikkorrispondu mad-deskrizzjoni ta' l-Evanġelji. Hu għalhekk possibbli li l-identifikazzjoni li saret fis-seklu 4 ta' dawn it-tliet ġrajjiet ta' l-Evanġelju kienet ibbażata fuq tradizzjoni li kienet eqdem minn dik ta' żmien il-Biżantini. Dawk li kienu wasslu din it-tradizzjoni kienu x'aktarx Lhud-Insara li kienu jgħixu fl-inħawi, u li kienu preżenti f'Kafarnahum, Sefforis, Tiberija u forsi wkoll Magdala. Il-kuntatti bejn Kafarnahum u Tabgha kienu spissi kemm fuq l-Għadira kif ukoll permezz tat-toroq. L-iskavi ppruvaw li Tabgha ma setgħetx tkun la subborg industrijali ta' Kafarnahum u lanqas is-sit ta' Betsajda tal-Galilija. Hu ċert, iżda, li l-ilmijiet ta' Tabgha kienu jattiraw lejn dan il-post ħafna nies. Dawn l-ilmijiet kienu jintużaw biex jissaqqew l-għelieqi ta' Kafarnahum, li x'aktarx li kienu jestendu ruħhom lejn il-punent tar-raħal. Fuq kollox, din iż-żona kienet magħrufa għall-kwantità ta'

ħut li jinqabad fl-Għadira, kif għadha sal-lum.

## Id-dar ta' Pietru

Nixtiequ issa li nqabblu d-dati arkeoloġiċi ma' dawk ta' l-Evanġelji, u l-aktar l-Evanġelju skond San Mark. Naraw kemm hu possibbli li ngħaqqduhom flimkien.
F'Mark, kapitli 1-10, insibu għal tmien darbiet li tissemma dar li fiha, jidħol Ġesù. Id-dar tissemma wkoll ħames darbiet minn Mattew u darba waħda minn Luqa. It-tliet Evanġelji Sinottiċi jaqblu kollha dwar l-ewwel darba li jsemmuha: Ġesù mar "fid-dar ta' Xmun u Indrì" (Mk 1,29); jew "fid-dar ta' Pietru" (Mt 8,14); jew "fid-dar ta' Xmun" (Lq 4,38).
Riferiment ieħor komuni għal Mark u Mattew hu: Ġesù "daħal id-dar" (f'Kafarnahum Mk 3,20); u "Ġesù ħareġ mid-dar" (fi tmiem l-istess episodju, meta waslu omm Ġesù u ħutu: Mt 13,1).
Id-dar tissemma wkoll għal sitt darbiet f'Mark 2,11; 7,17; 7,24; 9,28; 9,33; 10,10.
F'dawn ir-riferimenti jintużaw il-kliem Griegi «oikos» u «oikia». Fl-ewwel każ id-dar tiġi identifikata bħala "d-dar ta' Xmun u Indrì"; fid-drabi l-oħrajn tiġi speċifikata b'artiklu partikulari («he oikia») – id-dar. Skond l-użanza Griega, kemm fil-Grieg klassiku kif ukoll fil-mitkellem («Koine»), il-kelma «oikos» mingħajr l-artiklu tindika d-dar personali ta' dak li jkun.
Dawn l-elementi filoloġiċi irridu nikkontrollawhom mill-punt eżeġetiku bl-iskop li nikkonkludu liema dar, jew id-dar ta' min, l-evanġelista qiegħed jirreferi għaliha f'kull każ. Wara l-iskavi f'Kafarnahum din il-problema tidher b'mod ċar fir-relazzjoni li għandha din id-dar partikulari li toħroġ għad-dawl. Mingħajr ma nidħol f'dettalji, ngħid li dawn id-drabi f'Mark jirreferu ċertament għad-dar ta' Pietru f'Kafarnahum: 1,29; 2,1; 9,33. Id-drabi l-oħrajn x'aktarx jirreferu wkoll għal din id-dar: 7,17; 9,28; 10,10, filwaqt li f'każ wieħed (id-dar li Ġesù jidħol fiha mhux f'Kafarnahum, imma f'Tir u Sidon) ċertament l-evanġelista jirreferi għal dar oħra li żar il-Mulej: Mk 7,24. Hekk f'Mark insibu sitwazzjoni interessanti. Wara l-ewwel darba li fiha d-dar hi identifikata ma' l-ismijiet tal-proprjetarji Xmun u Indrì, fid-drabi l-oħrajn l-Evanġelju jgħid sempliċement li Ġesù mar id-dar jew li kien jinsab id-dar



*Kafarnahum - Id-dar ta' Pietru*



*Il-Knisja ta' San Pietru*

(bil-Grieg «eis oikon» jew «en oiko(i)», jiġifieri fid-dar tiegħu) għaliex Ġesù sar mistieden fis-sens orjentali, daqs li kieku kien membru tal-familja jew tat-tribù. Id-dar ta' Xmun u Indrì saret id-dar tiegħu, bl-istess mod li Kafarnahum saret "il-belt tiegħu".
Dan kollu jaqbel sewwa ma' żewġ espressjonijiet li juża Ġesù nnifsu. Qabel xejn, meta hu jgħid li "Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu" (Mt 8,20; Lq 9,58), nikkonkludu li f'Kafarnahum Ġesù ma kellux dar li kienet tiegħu jew tal-ġenituri tiegħu. It-tieni, ir-regola li ġiet imposta fuq id-dixxipli biex jibqgħu fid-dar li tirċevihom fiha (Mt 10,11; Lq 9,4) u biex ma joqogħdux iduru minn dar għal oħra (Lq 10,7) setgħet tirrifletti l-attitudni ta' Ġesù nnifsu, speċjalment f'Kafarnahum.
It-tifkira ta' Ġesù li joqgħod fid-dar tiegħu setgħet baqgħet ħajja – u ħajja ħafna – fit-tifkira ta' Pietru. Mhux kumbinazzjoni li din it-tifkira hi tema favorita fl-Evanġelju ta' Mark, li hu Evanġelju li, skond it-tradizzjoni qadima, jippreserva l-predikazzjoni u t-tifkiriet tal-Prinċep ta' l-appostli.
Naraw dawn l-elementi personali f'xi dettalji tar-rakkont ta' Mark dwar dak li għandu x'jaqsam mal-bieb tad-dar ta' Pietru. L-iskavatur ta' Kafarnahum, il-mibki P. Virgilio Corbo, kien jitqanqal sa jislet id-dmugħ kull darba li kellu l-opportunità li juri l-għatba tal-bieb tad-dar lill-viżitaturi u pellegrini. Kien jgħid: "Il-Mulej rifes din il-għatba diversi drabi. Din l-għatba hi waħda mill-aktar xhieda ġenwini tal-ħajja tiegħu f'Kafarnahum. Ejjew araw il-post li fih il-Mulej għex bħala mistieden ta' San Pietru".
Meta nħarsu lejn il-fdalijiet arkeoloġiċi, nistgħu nagħmlu esperjenza tal-ħajja ta' kuljum f'dik li tissejjaħ «insula sacra», id-dar ta' San Pietru, bil-kmamar tagħha, btieħi, u fran fil-btieħi. Ma kienx hemm bibien li jagħalqu bejn kamra u oħra. Għaldaqstant il-membri tal-familja kienu jgħixu bħala tribù kbira kollha flimkien. Il-familja kienet tgħix ħafna drabi barra fil-btieħi, billi l-klima ta' Kafarnahum hi sħuna ħafna, l-aktar fix-xhur tas-sajf. In-nisa kienu jibqgħu fid-dar, filwaqt li t-tfal kienu jkunu jilagħbu barra fit-triq, l-istess kif wieħed għadhom jarahom jagħmlu llum fil-parti Għarbija ta' Ġerusalemm u fl-irħula tal-Palestina.
Ejjew neżaminaw xi siltiet oħrajn mill-Evanġelju ta' Mark li jirċievu dawl ġdid mill-iskavi li saru. Silta minnhom hi dik ta' Mk 1,33, fejn naqraw: "U

quddiem il-bieb inġabret il-belt bi ħġarha". It-tieni silta hi Mk 2,2: "U nġabru bosta, hekk li ma kienx hemm fejn joqogħdu iżjed, anqas quddiem il-bieb". Fil-fatt, quddiem id-dar ta' Pietru kien hemm spazju pjuttost kbir li fih ma kienx hemm bini. L-iskavatur P. Virgilio Corbo kiteb hekk: "Lejn in-nofsinhar, l-«insula sacra» kienet testendi ruħha lejn xatt l-għadira. Lejn il-lvant kien hemm it-triq prinċipali, jew «cardo». Flimkien ma' spazju li kien hemm vojt quddiem id-daħliet 15 u 16, il-«cardo» kien jifforma medda ta' xi 500 metri kwadri. B'riferiment għal dak li jgħid Mark f'1,33 u 2,1-2, dan l-ispazju vojt isir l-aħjar kummentarju arkeoloġiku li wieħed ikun jixtieq jaqra" («Liber Annuus» 33, 1983, 374). Irridu mela nimmaġinaw li, skond Mark 2,2, il-folla kienet imliet mhux biss il-kumpless ta' l-«insula sacra» imma wkoll dan l-ispazju kbir ta' 500 metri kwadri quddiem il-bieb. Hekk id-deskrizzjoni ta' Mark tirrivela l-preċiżjoni ta' xi ħadd li ra l-ġrajja b'għajnejh – ta' xi ħadd li kien jaf il-post direttament. In-nuqqas ta' dan id-dettall fiż-żewġ Sinottiċi l-oħrajn, hi għalhekk mimlija tifsir.

Nistgħu ngħoddu nota eseġetika ma' dan il-punt. Skond il-kummentarju ta' Gnilka, il-vers 2,2 ta' Mark hu "redazzjonali". Għalija hu diffiċli li nifhem f'liema sens dan il-versett hu redazzjonali. Skond l-opinjoni komuni, il-kelma "redazzjonali" hi kuntrarja għall-kelma "storika". Fi kliem ieħor, wieħed iqis li dak li hu redazzjonali ma għandu l-ebda valur storiku; li meta evanġelista jagħti interpretazzjoni teoloġika lil xi ċirkustanza jew ġrajja, dan ifisser li dik iċ-ċirkustanza jew ġrajja ġiet ivvintata biex hekk twassal messaġġ teoloġiku. Din l-opinjoni komuni, iżda, hi kemmxejn arbitrarja. Qabel xejn, fil-Bibbja u fid-dinja ta' l-antikità in ġenerali, l-istorja tiġi interpretata teoloġikament imma mhijiex ivvintata. Ma nistgħux naċċettaw il-falsità bħala bażi tat-teoloġija. It-tieni, wieħed jeħtieġ li jħalli miftuħa l-possibilità li l-evanġelista kien jaf xi dettall li ma kienx magħruf mill-evanġelisti l-oħrajn. Fil-każ tad-dar ta' Pietru din il-possibilità hi vera għaliex, mill-banda l-waħda, Mark seta' kien qed jidwi l-kliem ta' Pietru nnifsu, u mill-



*Mappa ta' Kafarnahum*



*Dar ta' Pietru*

banda l-oħra, għaliex id-dettall letterarju jaqbel perfettament mar-riżultati arkeoloġiċi.
Xi dettalji oħrajn ta' Mk 2,1-12 (il-fejqan tar-raġel paralitiku) li qabel l-iskavi ma konniex nifhmuhom, issa nistgħu nifhmuhom b'mod perfett.
Il-problemi li niltaqgħu magħhom meta naqraw ir-rakkont ta' Mark huma diskussi f'kummentarji antiki, imma mhux f'dawk reċenti, li huma orjentati b'mod letterarju u teoloġiku. Problema minnhom hi din: Fejn kien qiegħed Ġesù – fl-ewwel sular tad-dar jew fis-sular ta' isfel? Fil-fatt, xi awturi, li jibbażaw ruħhom fuq għejun klassiċi u Lhud, kienu jimmaġinaw li Ġesù kien jinsab fis-sular ta' fuq tad-dar.
Problema oħra hi: Kif nistgħu nifhmu li dawk l-irġiel għamlu toqba fis-saqaf biex minnha niżżlu r-raġel paralitiku?
Ir-riċerka arkeoloġika ipprovditilna xi elementi biex insolvu dawn il-problemi.
Diġà fl-1971 P. Corbo kiteb hekk: "It-tip ta' djar (li sibna f'Kafarnahum) kien ikollhom biss is-sular ta' isfel, għaliex il-ħitan kienu mibnijin minn ġebel tat-tajn imnixxef (mingħajr siment), imma biss imkaħħlin bit-tajn, u kienu biss xi 70 ċentimetri fil-ħxuna. Dawn il-ħitan qatt ma setgħu jwieżnu t-toqol tas-sular ta' fuq" («Liber Annuus 21, 280).
Issa, Mk 2,1 jgħid li Ġesù kien "id-dar" – bil-Grieg «en oiko(i)», li tfisser "fid-dar tiegħu" u mhux sempliċement f'xi dar kwalunkwe. Jekk inħarsu lejn id-dar ta' San Pietru, nifhmu li Ġesù kien jinsab f'dik li tissejjaħ "il-kamra qaddisa". Din kienet l-akbar kamra fl-«insula sacra», b'dimensjonijiet ta' 7.5 metri kwadri fuq kull naħa. Mhux biss, imma kienet ukoll din il-kamra li ġiet ittrasformata fid-dar-knisja («domus-ecclesiae») diġà fit-tieni nofs ta' l-ewwel seklu w.K., filwaqt li l-ħajja domestika tad-dar tkompliet fil-kmamar l-oħrajn.
Kif nistgħu nispjegaw din is-sitwazzjoni mhix tas-soltu? It-tweġiba tidher evidenti. Pietru, il-membri tal-familja tiegħu, u l-Lhud-Insara tar-raħal kienu jafu sewwa li Ġesù kien mistieden permanenti fid-dar, u l-aktar fil-kamra l-kbira tal-kumpless li fiha hu kien jgħallem u jagħmel il-mirakli. Is-sejbiet arkeoloġiċi, mela, kollha jaqblu. Jippermettulna biex inpoġġu r-rakkont ta' San Mark fil-kuntest ta' kif kienet mibnija d-dar ta' Pietru.
It-tieni problema hi: kif kienu jkunu mibnija s-soqfa f'Kafarnahum? Mill-ġdid, P. Corbo fl-1971 kiteb dan li ġej: "billi qatt ma sibna fdalijiet ta' xorok fid-djar li skavajna, ikollna nikkonkludu li s-soqfa kienu jkunu mibnijin minn taħlita ta' tajn u tiben miżmumin fuq travi ta' l-injam". Xi studjużi waslu wkoll għal konklużjoni simili billi qabblu d-deskrizzjoni ta' Mk 2,4 mad-djar qodma Palestinjani. Oħrajn ippreferew is-silta ta' Lq 5,19, li titkellem minn xorok ("niżżluh bil-mitraħ b'kollox minn bejn ix-xorok"). Issa, skond San Mark, l-erba' rġiel li ġarrew il-paralitiku, "qalgħu s-saqaf ta' fuqu u fetħu toqba",

jiġifieri neħħew it-tajn u t-tiben tas-saqaf. Hekk fetħu toqba bejn it-travi, u niżżlu lir-raġel marid fil-kamra li fiha kien hemm Ġesù.
Luqa 5,19 jagħtina dettall ieħor li hu implikat f'San Mark: "telgħu fuq il-bejt". Dan id-dettall jaqbel perfettament mas-sejba ta' fdalijiet ta' turġien li kienu jitilgħu fuq barra mill-btieħi ta' ħafna djar f'Kafarnahum. Dawn it-turġien kienu jintużaw biex ta' kull sena jitilgħu minnhom ħa jsewwu s-soqfa tat-tajn qabel ma jibda l-istaġun tax-xita. Dan id-dettall ma jimplikax neċessarjament li San Luqa kien jaf il-post personalment, għax it-turġien li jitilgħu minn barra fuq is-soqfa kienu komuni wkoll fil-każ tad-djar Griegi u Rumani. Hu preċiżament għall-qarrejja tiegħu Griegi u Rumani li Luqa jitkellem minn saqaf mibni mix-xorok, filwaqt li Mark iħares intatta s-sitwazzjoni eżatta tad-djar f'Kafarnahum.
Bħala konklużjoni, dan il-qbil bejn ir-rakkont ta' Mark u s-sejbiet arkeoloġiċi jolqotna għall-preċiżjoni tiegħu. Dan hu aktar veru billi l-korrispondenza għandha x'taqsam ma' dettalji minuri li ma għandhomx tifsira teoloġika – dettalji li ma jiġux imsemmijin mis-Sinottiċi l-oħrajn, jew li jiġu mibdulin. Dan il-fatt jgħinna biex napprezzaw b'mod sħiħ it-tradizzjoni li hemm taħt l-Evanġelju ta' Mark. Mill-ġdid, dan kollu jaqbel mat-tradizzjoni antika li Mark kien is-segretarju u l-interpretu ta' San Pietru.

## Id-dar-knisja

F'silta oħra (Mk 3,20-35) id-dar ta' Pietru tinsab f'pożizzjoni ċentrali u għandha rwol teoloġiku ċar. Biex naraw dan id-dettall, jeħtieġ li għal mument inħarsu lejn il-kuntest. L-episodju jibda f'3,20: "Mbagħad mar id-dar, u l-kotra reġgħet inġemgħet, hekk li lanqas biss setgħu jieklu". Issa ninnotaw li f'3,1 naqraw li Ġesù daħal mill-ġdid fis-sinagoga (kif kien digà għamel f'1,21). Wara dan Ġesù ħareġ barra mir-raħal lejn post qrib l-għadira (3,7) u hemmhekk fejjaq bosta morda u persuni maħkumin mix-xitan. Immedjatament wara Ġesù jitla' fuq il-għolja (3,13) u jagħżel it-tnax l-appostlu. L-episodju tagħna jiġi wara din is-silta. Ninnotaw li l-inħawi matul xatt l-għadira u l-għoljiet kienu jinsabu appena barra Kafarnahum. Huma kienu kollha parti mill-istess xena. Nifhmu, għalhekk, li f'3,20 Ġesù daħal mhux f'dar mhix identifikata, imma fid-dar tiegħu, jiġifieri fid-dar ta' Pietru li kienet saret id-dar tiegħu. (Ninnotaw, iżda, li xi interpreti jaħsbuha differenti u jittraduċu: "daħal f'dar", u mhux "daħal fid-dar"). B'hekk l-episodju jseħħ fid-dar ta' Pietru f'Kafarnahum. Mark 3,21 ikompli jgħidilna li l-qraba ta' Ġesù kienu semgħu xi nies jgħidu li Ġesù kien tilef moħħu. Biex ninterpretaw dan il-vers b'mod korrett irridu nikkonsidraw li l-qraba ta' Ġesù ma kinux jgħixu f'Kafarnahum, imma f'Nazaret. Hekk, il-verb ta' Mk 3,21 "ħarġu" («exeìthon») ma

*Dar ta' Pietru*





*Dar ta' Pietru*

nistgħux nifhmuh bħallikieku ħarġu mid-dar li fiha Ġesù kien f'Kafarnahum, imma li ħarġu minn Nazaret, jiġifieri bdew il-mixja tagħhom lejn Kafarnahum. Ir-raġuni kienet li huma kienu mħassbin għaliex xi nies kienu qegħdin jgħidu: "tilef moħħu", jiġifieri "iġġennen". Insibu okkażjoni oħra ta' dan l-użu f'3,30 – "Għax kienu qalu: 'Għandu fih spirtu ħażin'", filwaqt li f'3,22 is-suġġett jissemma – "Il-kittieba li kienu niżlu minn Ġerusalemm bdew jgħidu: 'Dan għandu fih lil Begħelżebul'". Ninnutaw li t-tliet siltiet jużaw il-verb "bdew jgħidu" («elegon») u li t-tliet siltiet jagħmlu l-istess stil ta' akkuża lil Ġesù: "Tilef moħħu. Għandu fih spirtu ħażin. Dan għandu fih lil Begħelżebul". B'hekk l-episodju tagħna jibda f'Kafarnahum; imbagħad ikompli f'Nazaret biex jirrakkonta t-tluq tal-qraba ta' Ġesù lejn Kafarnahum. Wara dan, ir-rakkont jerġa' jeħodna Kafarnahum biex jurina diskussjoni bejn il-kittieba li ġew minn Ġerusalemm rigward il-qawwa ta' Ġesù li jkeċċi l-ispirti mniġġsa – jekk din il-qawwa kinetx ġejja minn Begħelżebul, kif kienu jaffermaw il-kittieba, jew mill-Ispirtu s-Santu, kif kien jafferma Ġesù. F'Mk 3,31 naqraw: "Darba ġew ommu u ħutu". Dan il-versett ma nistgħux naqrawh b'mod separat mill-kuntest li jiġi qablu. Għall-kuntrarju, jidher ċar li l-wasla tal-qraba ta' Ġesù hi rakkontata hawnhekk, wara li kien rakkontat it-tluq tagħhom f'Mk 3,21. Issa, is-silta ċkejkna ta' 3,31-35 għandha tifsira kbira mil-lat ekkleżjoloġiku. Hemm żewġ frażijiet li jaqbel ninnotaw: dawk li kienu barra – jiġifieri barra mid-dar ta' Pietru; u dawk li kienu ġewwa, madwar Ġesù. Barra kien hemm ommu u ħutu, filwaqt li madwar Ġesù kien hemm il-folla u d-dixxipli. Dawn iż-żewġ frażijieet jidentifikaw mela ż-żewġ gruppi: dawk li huma barra u dawk li huma ġewwa jisimgħu lil Ġesù. Dak li jifred iż-żewġ gruppi hi d-dar. Dawk li huma ġewwa jinsabu bilqiegħda madwar Ġesù u jisimgħu l-kelma tiegħu, filwaqt li dawk li huma barra ma jieħdux sehem magħhom. L-oppożizzjoni bejn iż-żewġ gruppi tolqotna iżjed billi għandha x'taqsam mal-qraba ta' Ġesù – saħansitra magħhom hemm l-omm il-maħbuba ta' Ġesù. Imma, jidher evidenti li l-folla li tinsab ġewwa tiġi ppreferuta għal dawk li jinsabu barra. Għaliex? Is-silta tagħtina t-tweġiba: "Darba ġew ommu u ħutu, baqgħu barra u bagħtu jsejħulu. Dak il-ħin kien hemm ħafna nies bilqiegħda madwaru. 'Ara,' qalulu, 'ommok u ħutek qegħdin hemm barra u jriduk.' U hu weġibhom: 'Min huma ommi u ħuti?' Mbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kienu hemm madwaru bilqiegħda, u qal: 'Dawn, ara, huma ommi u ħuti. Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi.'"
Hi ħaġa ċara li din is-silta ma timplikax l-ebda stmerrija jew nuqqas ta' fiduċja f'omm Ġesù u fil-familja tiegħu. L-oppożizzjoni għandha x'taqsam mal-familja umana u mal-familja spiritwali ta'

Ġesù. Tfisser qabża mill-ewwel għat-tieni waħda. Dak li hu importanti mhuwiex il-fatt li wieħed hu qarib ta' Ġesù, imma li wieħed jagħmel ir-rieda ta' Alla. Ir-rieda ta' Alla tikkonsisti filli wieħed joqgħod madwar Ġesù u jisma' l-kelma tiegħu fid-dar.
Din il-qabża mill-familja umana għall-familja spiritwali għandha tifsiriet profondi kemm għall-folla kif ukoll għal Ġesù nnifsu. Il-folla, bħall-membri l-oħrajn tal-familja tiegħu, jeħtieġ li ssir il-familja spiritwali ta' Ġesù billi tinġabar fid-dar u tisma' flimkien il-kelma tiegħu. Dan ifisser li omm Ġesù hi membru eminenti tal-familja spiritwali ta' Binha, għaliex hi kienet l-ewwel waħda li wettqet ir-rieda ta' Alla fil-ħajja tagħha. Għal Ġesù, li tagħżel il-familja ġdida tiegħu jfisser li tagħmel bidla profonda f'ħajtek. Hu ħalla l-belt tiegħu ta' Nazaret, li kienet tinsab fuq il-għoljiet, donnha maqtugħa mid-dinja, u għażel Kafarnahum, li kienet belt fuq triq imperjali fejn kien possibbli li hu jiltaqa' man-nies. Din l-għażla tqiegħed lil Ġesù f'sitwazzjoni għal kollox ġdida. Tagħmel minnu mistieden, barrani f'belt ġdida. Toħorġu minn daru u mill-familja tiegħu. Issa hu beda eżistenza ġdida li hi għal kollox mogħtija lir-rieda ta' Missieru fis-sema. Id-dar ta' Pietru mhux biss saret dar fis-sens spiritwali, imma wkoll saret id-dar tal-familja ġdida – familja kbira li kapaċi li tinkludi fiha lil dawk kollha li huma lesti li jwettqu r-rieda tal-Missier fis-sema. Hekk, id-dar ta' Pietru saret knisja – dar fejn il-familja ta' Alla tinġabar, u hi iffurmata u titmantna. Id-dar ta' Pietru hi l-aktar dar-knisja («domus-ecclesiae») antika u vvenerata fil-kristjanità. Ninnotaw kif it-tifsira ekkleżjoloġika tinbena fuq ir-realtà storika. Mill-ġdid, it-teoloġija ma tmurx kontra l-istorja; għall-kuntrarju, it-teoloġija tinbena fuq l-istorja. Dak li qegħdin nitkellmu dwaru mhux eżattament il-kumpless kollu tad-dar ta' Pietru imma biss "il-kamra venerata". Fil-fatt, kif diġà semmejna, din il-kamra, u biss din il-kamra, turi sinjali ta' trasformazzjoni f'post ta' kult. Baqgħet iċ-ċentru ta' kull tip ta' trasformazzjoni li ġiet wara. Saret id-dar-knisja għall-komunità lokali ta' Lhud-Insara u wkoll santwarju għall-pellegrini madwar id-dinja sa mit-tieni nofs ta' l-1 seklu w.K. Wara dan il-perjodu ġiet imkabbra u magħluqa minn ħajt li jipproteġiha li nbena fis-seklu 4. Fl-aħħarnett, serviet bħala l-bażi tal-knisja ottagonali Biżantina tas-seklu 5. F'dan il-perjodu saret bidla radikali. Fuq id-dar-knisja tal-komunità Lhudija-Nisranija li kellha l-ħitan oriġinali għadhom jidhru, inbniet knisja li għattiet id-dar għalkemm baqgħet tħares eżattament il-post eżatt ta' fejn tinsab id-dar. Jidher evidenti li l-Biżantini, għalkemm kienu ġejjin minn kultura differenti, laqgħu bħala awtentika t-tradizzjoni tal-Lhud-Insara ta' Kafarnahum.

**Alviero Niccacci OFM**

*Dar ta' Pietru*





# IL-MARTIRJU U L-KULT TA' SAN STIEFNU FL-ART IMQADDSA

It-tradizzjoni kristjana ta' Ġerusalemm, sa mill-qedem kienet tqim lid-djaknu San Stiefnu, l-ewwel martri li ta xhieda għal Kristu. L-isem grieg «Stephanos» (kuruna) hu l-ekwivalenti ta' l-isem Aramajk «Kelil». F'Ġerusalemm hemm tliet postijiet li jfakkru l-kult lejn il-protomartri Stiefnu. Ftit 'il fuq mill-Wied taċ-Ċedron, faċċata tal-Bażilika ta' l-Agunija tal-Ġetsemani, fuq ix-xaqliba tal-wied taħt l-ispjanata tat-tempju ta' Ġerusalemm u l-Bieb tad-Deheb, hemm knisja tal-Griegi Ortodossi, li taħtha hemm kripta bi fdalijiet ta'

taraġ imħaffer fil-blat, fejn jiġi mfakkar il-post tal-martirju ta' Stiefnu. Il-fdalijiet tal-protomartri, għal ftit snin fis-seklu 5, kienu miqjumin fiċ-Ċenaklu, fuq il-Għolja tas-Sijon, fejn għalhekk hemm tifkira tal-protomartri. Imma wara ftit snin ittieħdu fil-bażilika li nbniet mill-imperatriċi Eudocia, fit-tramuntana ta' fejn illum hemm il-Bieb ta' Damasku, fejn kien meqjum post ieħor tal-martirju u l-qabar ta' San Stiefnu. Nagħtu xi ħjiel dwar dawn il-postijiet ta' kult marbutin mal-preżenza tal-protomartri Stiefnu f'Ġerusalemm, imma mhux qabel ma nagħtu ħarsa ħafifa lejn ir-rakkont tal-martirju tiegħu («passio») miktub mill-evanġelista Luqa fil-kapitli 6 u 7 ta' l-Atti ta' l-Appostli.

## L-Atti tal-«passio» ta' San Stiefnu

San Luqa jitkellem jintroduċi l-figura tad-djaknu Stiefnu f'Atti 6,1-7, fejn jirrakkonta kif l-appostli ħatru l-ewwel seba' djakni tal-Knisja, bl-iskop li jieħdu ħsieb il-ministeru tal-karità tal-komunità, ħalli l-appostli nfushom ikunu jistgħu jingħataw għat-talb u għax-xandir tal-Kelma. Jidher li fost id-dixxipli qamet kwestjoni li turi firda li diġà kienet eżistenti fil-Knisja ta' Ġerusalemm fis-snin 34-35 w.K. Jissemmew għall-ewwel darba l-«Ellenisti» u l-«Lhud». L-Ellenisti jidher li kienu, fil-fatt, Lhud li kienu oriġinarjament jgħixu barra l-Palestina, jiġifieri fid-«diaspora» Lhudija. Għaldaqstant huma kienu rċevew elementi ta' kultura Griega flimkien mal-kultura Lhudija proprja. Meta ġew jgħixu Ġerusalemm dawn il-Lhud kellhom sinagogi għalihom, fejn x'aktarx kienu jaqraw il-Bibbja fil-verżjoni Griega. Meta wħud minnhom saru insara, sabu ruħhom ikkonfrontati mill-kumplament tal-komunità Lhudija-Kristjana tal-Knisja ta' Ġerusalemm, li oriġinarjament kienet tagħmel parti mis-sinagogi Lhud, fejn il-Bibbja kienet tinqara bil-Lhudi, u kienet titkellem l-Aramajk. Id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ komunitajiet Lhud għaddiet ukoll fil-Knisja primittiva, li għalhekk kellha fi ħdanha Kristjani Lhud tal-post u Kristjani Lhud ġejjin mill-kultura ellenistika. Dawn ta' l-aħħar bdew jilmentaw li, fit-tqassim tal-karità, kienu qegħdin jiġu ttraskurati r-romol tagħhom, a favur tar-romol foqra tal-komunità Lhudija-Kristjana.
L-appostli jsolvu din il-kwestjoni billi jaħtru seba' irġiel li kellhom «isem tajjeb» u li kienu «mimlijin bl-Ispirtu s-Santu u bl-għerf» (Atti 6,3), biex jieħdu ħsieb tat-«tqassim ta' l-imwejjed», ħalli b'hekk l-appostli jkunu ħielsa biex jiddedikaw ruħhom «għat-talb u għall-ministeru tal-Kelma». Filwaqt li n-numru tnax hu riferit għall-appostli (Mk 3,14), biex hekk jidhru bħala l-ġabra ġdida tat-tnax-il tribujiet ta' Israel, in-numru seba' hu riferiment għall-popli pagani li kienu jgħixu fil-Palestina qabel

*Il-Bieb ta' San Stiefnu, Ġerusalemm*



ma daħal fiha l-poplu ta' Israel. F'Atti 13,19 San Pawl juri din il-konvinzjoni komuni fi priedka tiegħu meta kien fis-sinagoga ta' Antjokja ta' Pisidja: «Meta mbagħad xejjen seba' popli fl-art ta' Kangħan, tahom din l-art b'wirt għalihom». Interessanti wkoll li l-ismijiet tas-seba' djakni, li l-appostli jqiegħdu jdejhom fuqhom, biex jagħtuhom id-don ta' l-Ispirtu għall-qadi («diakonia»), huma kollha ta' ismijiet Griegi: Stiefnu, Filippu, Prókoru, Níkanor, Timon, Parmenás u Nikola minn Antjokja (dan ta' l-aħħar kien għadu prosélitu). Fosthom, Stiefnu jidher l-ewwel wieħed fil-lista, u jiġi deskritt bħala «bniedem mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu» (Atti 6,5). L-importanza ta' dan il-personaġġ ewlieni fi ħdan il-komunità Kristjana ta' Ġerusalemm, tidher fir-rakkont tal-martirju tiegħu, jew «passio», li Luqa jibnieh fuq il-mudell tal-passjoni ta' Kristu. Fil-fatt, Stiefnu «kollu grazzja u qawwa, kien jagħmel mirakli u sinjali kbar fost il-poplu» (Atti 6,8). Dan kollu juri li Stiefnu ma kienx kuntent sempliċement filli jaqdi l-ministeru tiegħu ta' djaknu fil-Knisja, imma żied mal-qadi ta' l-imwejjed il-ministeru tat-tħaddim tal-kariżmi ta' l-Ispirtu, fosthom dik tal-fejqan. Fil-fatt, naraw mill-istess difiża li jagħmel quddiem is-Sanhedrin, li Stiefnu kien imħarreġ sewwa fil-Kotba Mqaddsa, u għalhekk kien faċli għalih li jingħata wkoll għax-xandir tal-Kelma, f'kollaborazzjoni attiva mal-ministeru ta' l-appostli.

Kienu dawn id-doni kariżmatiċi ta' Stiefnu li qanqlu kontrih riefnu ta' persekuzzjoni mil-Lhud, li wasslu għall-martirju tiegħu. Dak li jolqotna hu li ma kinux il-Lhud li kienu jgħixu Ġerusalemm li ppersegwitaw lil Stiefnu,



imma dawk il-Lhud li l-Atti jsejħulhom «xi wħud minn tas-Sinagoga li jgħidulha tal-Meħlusin, taċ-Ċirinej, ta' Lixandrin, u ta' oħrajn miċ-Ċiliċja u mill-Asja» (Atti 6,9). Dawn il-Lhud kienu kollha Ellenisti, li kienu ġew joqogħdu Ġerusalemm imma li kienu oriġinarjament mid-djaspora. Fosthom kien hemm il-membri tas-Sinagoga msejħa tal-Meħlusin (Liberti) li x'aktarx kienu dixxendenti ta' Lhud li kien inġarru f'Ruma mill-ġeneral Pompeo meta dan rebaħ il-Palestina fis-sena 63 q.K., imma li mbagħad reġgħu akkwistaw il-ħelsien u marru lura lejn arthom. Hu x'inhu, ninnotaw li Stiefnu kellu jiqfulu Lhud li, bħalu kienu jitkellmu l-Grieg, għax hu kien qiegħed jaqdi l-ministeru tiegħu favur il-Lhud Insara li kienu ġejjin mill-Elleniżmu. Kienu dawn it-talin li ppreżentaw xhieda foloz u akkużaw lil Stiefnu li ried jaqleb ta' taħt fuq il-Liġi ta' Mosè, u li kien qiegħed jippriedka li Ġesù ta' Nazaret kellu jeqred it-tempju tal-Lhud, biex hekk spiċċa għall-ġudizzju quddiem il-Kunsill ta' l-Anzjani, jew is-Sanhedrin. Ninnotaw mill-ewwel ix-xebh bejn il-passjoni ta' Ġesù u dik ta' Stiefnu. Fil-proċess ta' Ġesù wkoll kienu dehru xhieda qarrieqa li qalu lill-qassis il-kbir: «Dan qal, 'Nista' nħott it-tempju ta' Alla u nerġa' nibnih fi tlitt ijiem'» (Mt 26,61). Stiefnu, mela, deher bħala theddida għall-istituzzjoni reliġjuża Lhudija, bl-istess mod kif kien deher Ġesù. Imma, bħal Ġesù, l-isbaħ wieħed fost ulied il-bnedmin, hekk ukoll Stiefnu jidher trasfigurat quddiem l-akkużaturi tiegħu.

«Dawk kollha li kienu bilqiegħda fis-Sinedriju sammru għajnejhom fuqu, u rawlu wiċċu qisu wiċċ ta' anġlu» (Atti 6,15). Fil-Bibbja d-dehra ta' l-anġli twassal lill-bniedem biex





*Il-Patrijarka ta' Ġerusalemm iqaddes fil-festa ta' San Stiefnu fil-Bażilika tal-Qaddis fl-Ecole Biblique*

jibża' (Mħ 13,6), għax l-anġlu hu xbieha tad-dehra ta' Alla nnifsu. Il-wiċċ ta' Mosè li niżel mill-muntanja bit-twavel tal-Liġi, kien jiddi bil-glorja ta' Alla, u kien inissel biża' fl-Israeliti li ħarsu lejh (Eż 34,29-35; 2Kor 3,17-18). Bl-istess mod il-wiċċ ta' Ġesù ttrasfigurat nissel biża' fl-appostli li kienu miegħu fuq it-Tabor (Mt 17,2; Lq 9,29). Il-membri tas-Sanhedrin bdew jaraw quddiemhom dehra ta' trasfigurazzjoni tal-wiċċ ta' Stiefnu, li kien qiegħed jara l-glorja ta' Alla. Fil-fatt, dan l-aħħar versett tal-kapitlu 6 ta' l-Atti jintrabat mal-versett 55 tal-kapitlu 7, fejn ikompli r-rakkont tal-martirju. Atti 7,1-54 huma diskors twil li jagħmel Stiefnu biex jikkonvinċi lis-semmiegħa dwar kif it-Testment il-Qadim wassal għall-verità ta' Kristu li jsir il-veru tempju u l-vera Liġi, li jieħdu post it-tempju u l-Liġi tal-Lhud. Din it-teofanija (dehra ta' Alla) twassal lil Stiefnu biex jidħol f'estasi quddiem l-akkużaturi tiegħu: «Imma hu, mimli bl-Ispirtu s-Santu, u b'għajnejh fis-sema, ra l-glorja ta' Alla u lil Ġesù qiegħed fuq il-lemin ta' Alla. U qal: "Ara, qiegħed nara s-sema miftuħ u lil Bin il-bniedem fil-lemin ta' Alla"» (Atti 7,55-56). Dawn il-kliem ifakkruna f'xena simili tal-passjoni ta' Ġesù, li quddiem is-Sanhedrin jgħid: «Minn issa 'l quddiem għad taraw lil Bin il-bniedem bilqiegħda n-naħa tal-lemin ta' dak li jista' kollox u ġej fuq is-sħab tas-sema» (Mt 26,64).

Għidna li, qabel ma Stiefnu jirċievi l-martirju, hu jagħmel diskors quddiem is-Sanhedrin, li hu l-itwal diskors ta' l-Atti ta' l-Appostli (7,1-54). Id-diskors ta' Stiefnu hu ġabra fil-qosor ta' l-istorja tas-salvazzjoni minn Abraham sa Ġużeppi (vv 2-16), imbagħad jiżviluppa b'mod partikulari l-istorja ta' Mosè (vv 17-43). Quddiem il-missjoni ta' ħellies li Mosè jirċievi minn Alla, Stiefnu juri kif il-poplu ta' Israel kellu atteġġjament ta' rifjut, nuqqas ta' ubbidjenza, infedeltà. Dan kollu Stiefnu jgħidu biex juri kif, ukoll f'dak il-waqt, l-akkużaturi tiegħu kienu qegħdin juru l-istess qalb iebsa u diżubbidjenza mhux iżjed lejn Mosè, imma lejn l-istess Iben ta' Alla, Ġesù Kristu, li tiegħu Mosè kien il-figura.

Ma ninsewx li Stiefnu kien Lhudi tad-djaspora. Bħal sħabu Lhud oħrajn li kienu ġejjin minn barra t-territorju ta' Israel, Stiefnu ma kienx marbut b'mod akkanit ma' l-art, mas-sagrifiċċji u mat-tempju. Fil-fatt naraw li d-diskors tiegħu, bħal dak tal-profeti, juri r-relattività ta' l-attakkament għat-territorju ta' l-art imwiegħda (vv 2-6), għas-sagrifiċċji (vv 39-43) u

għall-bini tat-tempju materjali (vv 44-50). Dan kollu wassal lill-mexxejja reliġjużi tal-Lhud li «jgħażżu snienhom kontra tiegħu» (Atti 1,54).
Stiefnu, fil-fatt, iwassal għall-quċċata tal-mibegħda kontrih fil-kliem imqanqal li bih itemm id-diskors tiegħu: «Ja nies ta' ras iebsa, intom għalaqtu għajnejkom u saddejtu widnejkom, u dejjem waqaftulu lill-Ispirtu s-Santu. Kif għamlu missirijietkom, qegħdin tagħmlu intom ukoll. Lil min mill-profeti ma ppersegwitawx missirijietkom? Huma qatlu lil dawk li ħabbru minn qabel il-miġja ta' dak il-Ġust li issa intom stess ittradejtuh u qtiltuh, intom, li rċevejtu l-Liġi minn idejn l-anġli, u ma ħaristuhiex» (Atti 7,51-53).
F'dan il-waqt ir-rakkont ikompli bil-martirju tax-xhud Stiefnu. Stiefnu nnifsu jara lil Ġesù wieqaf fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier (cfr. Lq 22,69), forsi biex jindika li Kristu issa jsir xhud tal-martirju ta' Stiefnu. Ir-riżultat tal-kliem ta' Stiefnu kien li dan ġie meqjus bħala dagħwa, kif kien ġie iġġudikat il-kliem ta' Ġesù mill-qassis il-kbir. U flok proċess regolari mis-Sanhedrin, nassistu għal att ta' vjolenza inkontrollabbli mill-folla. Lil Stiefnu jkaxkruh 'il barra mill-belt u jibdew iħaġġruh (Atti 7,58). X'aktarx li din kienet ir-realtà storika li biha Luqa ried juri x-xebh bejn il-martirju ta' Stiefnu u l-mewt vjolenti li sofra Ġesù. Ix-xhieda qarrieqa li akkużaw lil Stiefnu kellhom id-dmir li jibdew huma jesegwixxu l-kundanna, u hekk iħallu l-mantell tagħhom f'riġlejn żagħżugħ Fariżew li kien imħeġġeġ għal-Liġi, u li bħal Stiefnu kien ġej mid-djaspora (minn Tarsu taċ-Ċiliċja) u kien tgħallem fl-iskola ta' l-għaref Gamaljel f'Ġerusalemm – Sawl, li «kien fehma waħda magħhom fil-mewt li tawh» (Atti 8,1). Dak li kellu jsir l-appostlu tal-ġnus wara t-teofanija ta' Damasku, kien issa għadu persekutur ta' l-Insara u għadu ta' Stiefnu, li ta l-ewwel xhieda għal Kristu.
Bl-invokazzjoni ta' l-isem ta' Ġesù bħala «kyrios», Mulej irxuxtat, Stiefnu jmut taħt xita ġebel filwaqt li jitlob il-maħfra ta' l-għedewwa tiegħu. Ġesù, fuq is-salib, jgħid: «Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu» (Lq 23,34). U Stiefnu jtemm ħajtu bil-kliem: «Mulej, tgħoddulhomx dan id-dnub» (Atti 7,59).
Ġesù jmut billi jdur lejn il-Missier bil-kliem tas-salm 31,5: «Missier, f'idejk jien nerħi ruħi». U Stiefnu jdur lejn Ġesù: «Mulej Ġesù, ilqa' r-ruħ tiegħi» (Atti 7,59). Ix-xhud isir jixbah b'mod perfett lill-Imgħallem sal-mument estrem tal-martirju.

## Il-kult ta' San Stiefnu fl-Art Imqaddsa

Ngħaddu issa biex ngħidu xi ħaġa dwar il-postijiet li jħarsu t-tifkira qaddisa tal-protomartri San Stiefnu fl-Art Imqaddsa. Nibdew bil-post tal-martirju. Hemm żewġ postijiet f'Ġerusalemm li huma marbutin mal-martirju tal-protodjaknu Stiefnu. L-eqdem

*Ikona ta' San Stiefnu*





*It-taraġ tal-Martirju qabel il-bini tal-Knisja Ortodossa. Jidher il-Bieb tad-Deheb.*

tifkira hi dik li torbot il-martirju ta' Stiefnu max-xaqliba tat-tramuntana ta' Ġerusalemm, ftit 'il barra minn fejn illum hemm il-Bieb ta' Damasku. Imma għal issa nħallu dan il-post biex nikkonċentraw fuq it-tieni post, dak li jfakkar il-martirju taħt l-ispjanata tat-tempju, fejn illum hemm knisja Griega Ortodossa fuq fdalijiet ta' taraġ imħaffer fil-blat, li kien jinżel mit-tempju lejn il-Wied taċ-Ċedron. Dan il-post intrabat mat-tifkira tal-martirju ta' Stiefnu mis-seklu 12, jiġifieri minn żmien il-Kruċjati, u fil-qrib tiegħu hemm wieħed mill-bibien tal-belt il-qadima ta' Ġerusalemm, li jissejjaħ appuntu l-Bieb ta' San Stiefnu.

Skond it-tradizzjoni lokali ta' Ġerusalemm, wara li l-Lhud ħaġġru lil Stiefnu għall-mewt, huma ħallew lil ġismu għal jumejn bla difna. Issa l-Atti ta' l-Appostli jgħidu kif «qamet persekuzzjoni kbira kontra l-Knisja ta' Ġerusalemm. Barra mill-appostli kulħadd xtered fl-artijiet tal-Lhudija u tas-Samarija. Xi rġiel twajba difnu lil Stiefnu, u bkewh ħafna» (Atti 8,1-2).

Min kienu dawn l-«irġiel twajba»? Setgħu kienu Lhud jew Kristjani. Ma nafux eżattament min kienu, għalkemm nistgħu nissopponu li kienu marbutin b'xi mod ma' Stiefnu u l-messaġġ tiegħu, u għalhekk, jew mhux Insara, almenu simpatizzanti lejhom. Dejjem skond it-tradizzjoni lokali ta' Ġerusalemm, waqt li kienu jħaġġru lil Stiefnu, kien hemm weqfin ftit bogħod mill-post tal-martirju l-Verġni Marija u l-appostlu San Ġwann (li t-tradizzjoni orjentali ssejjaħlu Ġwann it-Teologu, u dik oċċidentali tidentifikah mad-«dixxiplu l-maħbub» ta' Ġesù). Dawn talbu għal Stiefnu fil-mument li fih kien qiegħed imut. Mill-ġdid naraw xebh mal-mewt ta' Ġesù fuq is-salib f'Ġw 19,25-27, fejn fuq il-Kalvarju kien hemm Ommu Marija u d-dixxiplu li Ġesù kien iħobb. Wara jumejn li fihom Stiefnu tħalla bla difna, Gamaljel, il-famuż Fariżew għalliem ta' l-appostli Pawlu u Barnaba, li ġie bil-lejl u neħħa l-ġisem tal-protomartri u ħadu għad-difna fl-art li kellu hu f'Kefar Gàmala, fuq ix-xaqliba tat-tramuntana ta' Ġerusalemm. It-tradizzjoni tgħid ukoll li Nikodemu, id-dixxiplu ta' Ġesù (Ġw 3,1-21; 19,38-42) miet meta kien jinsab jibki fuq il-qabar ta' Stiefnu, u li ndifen hemmhekk. Gamaljel ukoll ġie midfun fl-

istess post.
Maż-żmien it-tifkira tal-qabar ta' Stiefnu intesiet għal kollox. Fis-sena 415 Gamaljel deher għal tliet darbiet lill-presbiteru ta' Kefar Gàmala (Capharganda), li kien jismu Luċjanu, u wrieh il-post fejn kien hemm midfun il-protomartri. Bil-permess tal-patrijarka ta' Ġerusalemm, Luċjanu sab il-fdalijiet tal-martri f'għar kollu fwieħa. Dawn il-fdalijiet ittieħdu biex jiġu meqjumin fuq l-Għolja ta' Sijon, jiġifieri fil-post taċ-Ċenaklu fejn kien hemm il-knisja ta' «Hagia Sion». Kien għalhekk li, għal xi żmien, iċ-Ċenaklu kien ukoll marbut mal-kult lejn il-protomarti Stiefnu, għax skond it-tradizzjoni kien fiċ-Ċenaklu li l-appostli qiegħdu jdejhom fuq id-djakni, prinċipalment fuq Stiefnu, meta ħatruhom għall-ministeru tagħhom. It-translazzjoni tal-fdalijiet ta' San Stiefnu minn Kefar Gàmala għall-«Hagia Sion» iffissat id-data tas-26 ta' Diċembru (27 ta' Diċembru fil-Knejjes ta' l-Orjent) bħala d-data tal-martirju tal-qaddis. Il-Knisja Griega Ortodossa tiċċelebra wkoll il-festa proprja tas-sejba u t-translazzjoni tar-relikwi ta' San Stiefnu fit-2 ta' Awissu.
Mis-Sijon il-fdalijiet ta' Stiefnu ittieħdu fil-Wied taċ-Ċedron, fejn is-senatur Alessandru bena «Martyrium», jiġifieri bażilika li tfakkar il-martirju, ta' dan id-djaknu qaddis. Din il-bażilika ġiet ikkonsagrata fil-15 ta' Mejju 430. Fis-26 ta' Diċembru 431, il-jum li fih titfakkar il-festa tal-protomartri Stiefnu, Santa Melania la Giovane, li kienet tmexxi monasteru fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, b'tifkira ta' l-Axxensjoni tal-Mulej, assistiet għall-uffiċċji liturġiċi f'din il-bażilika. Bosta dokumenti kontemporanji jixhdu għall-eżistenza tal-knisja ta' San Stiefnu sa minn qabel il-Konċilju ta' Kalċedonja (451), u hemm xhieda wkoll fil-ħajja tal-patrijarka Giovenale, li miet fl-458. Pellegrin anonimu qabel is-seklu 7 jindika l-post tal-martirju ta' San Stiefnu bħala li jinsab faċċata tal-Ġetsemani, u dokumenti oħrajn jindikaw dejjem il-post tal-martirju fuq ix-xaqliba tal-lvant ta' Ġerusalemm, jiġifieri qrib il-Wied taċ-Ċedron u faċċata ta' l-Għolja taż-Żebbuġ. Fis-sena 808, l-awtur tal-«Commemoratorium» jikteb li fil-Wied ta' Ġosafat (taċ-Ċedron) kien hemm il-knisja ta' San Stiefnu, fejn kienu jgħixu tliet qassisin. Fl-1906 instabet maġenb it-turġien fil-blat, parti mill-blata ta' bieb li jidher li kien ta' xi knisja, li kellha fuqha skrizzjoni bil-Grieg li fiha kien

*Taraġ fil-blat jimmarka l-post tal-Martirju ta' Stiefnu*






hemm vers mis-salm 115 u invokazzjoni lil San Stiefnu.

Dawn huma x-xhieda tal-kult lejn San Stiefnu kemm fuq l-Għolja ta' Sijon, kif ukoll fuq il-Wied taċ-Ċedron, fil-post li t-tradizzjoni tqiegħed il-martirju tal-qaddis.

Sal-lum il-patrijiet Franġiskani tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa għadhom imorru «peregrinatio» ta' kull sena nhar is-26 ta' Diċembru, jum il-festa ta' San Stiefnu, f'din il-kripta tal-knisja Griega Ortodossa li nbniet fuq dawn li suppost huma fdalijiet tal-knisja biżantina tas-seklu 5. Mill-fdalijiet għadhom jidhru t-turġien imħaffrin fil-blat. Il-knisja tal-lum hi reċenti.

Għidna, iżda, li hemm tradizzjoni oħra dwar il-post tal-martirju tal-protodjaknu Stiefnu u l-kult lejn il-qabar tiegħu. Fis-snin 431-438, l-isqof Giovenale ta' Ġerusalemm, bl-għajnuna ta' l-imperatriċi Eudocia bniet bażilika u monasteru Biżantin fuq ix-xaqliba tat-tramuntana ta' Ġerusalemm, mal-ġenb tat-triq antika li kienet twassal lejn Damasku, u ddedikata lil San Stiefnu. Il-bażilika Biżantina ġiet ikkonsagrata mill-patrijarka ta' Lixandra, San Ċirillu, fil-15 ta' Mejju 439. Skavi arkeoloġiċi sabu f'dan il-post il-fdalijiet ta' nekropoli li tmur lura lejn is-sekli 8-7 q.K. Dan il-post illum jinsab ftit barra mill-Bieb ta' Damasku. Meta l-bażilika ġiet ikkonsagrata inġiebu fiha l-fdalijiet tad-djaknu San Stiefnu. Fis-sena 460 reġgħet ġiet iċċelebrata dedikazzjoni oħra tal-Bażilika, wara li Eudocia ħasbet biex tkabbarha. Eudocia mietet fl-20 ta' Ottubru 460, mingħajr ma rat din it-tieni Bażilika lesta għal kollox.

Dan il-monasteru Biżantin kellu diversi dipendenzi tiegħu. Eudocia kienet ħatret bħala kap tal-monasteru lir-raħeb Gabrijel, li kien bniedem għaref li jitkellem il-Grieg, il-Latin u s-Sirjak. Lejn is-sena 516 inġabru aktar minn elf monaċi fil-post tal-«monasteru venerabbli tal-protomartri Stiefnu» biex jiddefendu d-duttrina tal-Konċilju ta' Kalċedonja dwar iż-żewġ naturi ta' Kristu.

Sfortunatament din il-Bażilika, bħal bosta

knejjes oħrajn Biżantini fl-Art Imqaddsa, ġiet meqruda fl-invażjoni ta' l-armati Persjani ta' Cosroe fis-sena 614. Wara din il-qerda kienet inbniet kappella ċkejkna fid-daħla, u għal xi żmien kien hemm lebbrożarju f'dan il-post. Il-Kruċjati irrestawraw din il-kappella fl-1099. Imma meta Saladin ġie jassedja Ġerusalemm fl-1187, hu ħatt din il-knisja biex minn dak il-post seta' jattakka l-ħitan tal-belt, li fil-parti tat-tramuntana kienet l-aktar dgħajfa, għax mhux protetta minn widien profondi kif inhi fin-naħat l-oħrajn, fejn hi mdawra mill-widien taċ-Ċedron u tal-Hinnom.
Fl-1884 dan il-post inxtara mid-Dumnikani Franċiżi, li fih sabu kripta antika. Instabu fil-post aktar minn 15 elf għadam u fdalijiet umani, u dan jindika li dan kien post ta' dfin. Ħafna minn dawn il-fdalijiet imorru lura għall-monasteru Biżantin mibni fis-seklu 5 minn Eudocia. Instabet ukoll ġebla b'din l-iskrizzjoni: «Qabar personali tad-djaknu Nonnos Onesimu, tal-knisja tar-Risurrezzjoni ta' Kristu u ta' dan il-monasteru». Instabu wkoll fdalijiet tal-paviment mużajkat Biżantin. Fuq dan il-post id-Dumnikani fl-1900 bnew il-bażilika sabiħa u kbira li naraw illum, iddedikata lill-protomartri San Stiefnu. Dan il-post fih ukoll iċ-ċentru prestiġjuż ta' studji bibliċi li jmexxi l-Ordni Dumnikan fil-belt ta' Ġerusalemm, l-«École Biblique et Archéologique Francaise», imwaqqaf mill-istudjuż biblista Dumnikan famuż Père Marie-Joseph Lagrange OP fl-1890.

## Żjieda: Silta mill-kitba tal-presbiteru Luċjanu (451)

«Wasalna għaldaqstant fil-qabar, imma t-tħaffir tagħna ma tana l-ebda riżultat. Allura morna fuq il-qabar li f'dak l-istess lejl kien indikalna r-raħeb fil-ħolm, u wara li ħaffirna sibna tliet urni.
Sibna l-ġebla li tgħatti l-oqbra, li kien fiha din il-kitba f'karattri kbar: KEAYEA CELIEL, jiġifieri, «qaddej ta' Alla», u l-ismijiet ARAAN, DARDAN, jiġifieri Nikodemu u Gamaljel. Din it-traduzzjoni għamilhieli l-isqof Ġwanni, u jiena rċevejtha minn fommu stess. Mort għaldaqstant bil-għaġġla biex nagħti l-avviż lill-isqof li dak iż-żmien kien f'Lidda, jiġifieri Diospoli, fejn kien jippresjiedi f'sinodu. Hu ġab miegħu żewġ isqfijiet oħrajn, Elewterju (Estonio) ta' Sebaste, u Elewterju ta' Ġeriko, u t-tlieta li huma marru fil-post. Meta fetħu l-urna ta' San Stiefnu, l-art theżhżet, u ħarġet fwieħa hekk ħelwa li ħadd minna qatt ma ftakar li xamm fwieħa bħalha; kienet hekk ħelwa li kien donnu li aħna ġejna meħudin fil-ġenna ta' l-art.
Kien hemm kotra nies li bosta minnhom kienu morda b'kull xorta ta' mard. Fl-istess waqt li fih dik il-fwieħa xterrdet madwarna huma reġgħu ħadu lura saħħithom. Minn xi wħud ħarġu x-xjaten li kienu jaħkmuhom; oħrajn waqqfitilhom it-tnixxija tad-demm, u oħrajn tfejqu minn ulċeri, ġrieħi, fistli, u deni terzjan u kwartan....
Wara li bisna r-relikwi mqaddsa, erġajna għalaqna l-urna, u ħadna r-relikwi ta' San Stiefnu, bil-kant tas-salmi u innijiet, lejn il-knisja ta' «Hagia Sion», fejn Stiefnu kien ġie ikkonsagrat djaknu. Lilna ħallewlna frak żgħir ta' relikwi tal-qaddis...
Qiegħed nibgħat, għaldaqstant, xi wħud minn dawn ir-relikwi lill-Beatitudni tiegħek. Meta inti tirċevihom, itlob għall-persuna fqajra tiegħi, sabiex jiena ninstab jistħoqqli nkun ukoll quddiem il-Mulej, meta nidher quddiemu, megħjun mill-merti tal-martri mqaddes Stiefnu u mit-talb tiegħek» (G. Fregnani, «Cafargàmala», Torino 1923, pp. 9-23).

**Noel Muscat OFM**




# L-ISKRITTURA U L-PELLEGRINAĠĠ FL-ART IMQADDSA

Il-pellegrinaġġ lejn il-Postijiet Qaddisa minn dejjem kien esperjenza mimlija tifsir għal bosta nies sa mill-imgħoddi. L-istorja tas-salvazzjoni seħħet f'kuntest ta' ġeografija ta' salvazzjoni. Hekk kif iż-żmien nistgħu nimmarkawh b'mument speċjali ta' grazzja («kairos»), hekk ukoll l-ispazju fiżiku jista' jkellimna dwar il-ħidma ta' salvazzjoni li jwettaq Alla. Filwaqt li lkoll nixtiequ nfittxu l-«ipsissima verba» (il-kliem eżatt) li lissen Ġesù, hekk ukoll nixtiequ niskopru l-«ipsissima loca» (il-postijiet eżatti) li minnhom għadda u li fihom ippriedka. Din

l-intwizzjoni hi preżenti fir-reliġjonijiet kollha li, mhux biss għandhom żminijiet speċjali, imma wkoll postijiet qaddisa speċjali, li fihom il-laqgħa ma' Alla wieħed jesperimentaha b'mod aktar intens minn kif soltu jagħmel.
Fl-ewwel sekli tal-Kristjanità, bosta pellegrini kienu ħerqanin li jimxu "fuq il-passi ta' Kristu, tal-Profeti u ta' l-Appostli" (Oriġene – III seklu AD).
Kienu biss ftit minnhom dawk li ħallew rakkont miktub tal-vjaġġi tagħhom għall-benefiċċju ta' dawk li ma setgħux jagħmlu dan il-vjaġġ bħalhom. Xi wħud minn dawn ir-rakkonti saru magħrufin ħafna, filwaqt li oħrajn intesew għal sekli sħaħ fl-arkivji u l-bibljoteki. Fost l-aktar rakkonti famużi ta' pellegrini tal-qedem insibu dawn:
L-Itinerarju tal-Pellegrin Anonimu ta' Bordeaux («Itinerarium Burdigalense») – 333 AD.
L-Itinerarju tal-Pellegrina Egeria, flimkien mad-deskrizzjoni famuża tal-Liturġija ta' Ġerusalemm («Itinerarium Egeriae») – ca. 400 AD.
L-Itinerarju ta' Paula, miktub minn San Ġilormu («Epitaphium Paulae») – 404 AD.
L-Itinerarju ta' l-arċidjaknu Theodosius («De Situ Terrae Sanctae») – ca. 530 AD.
L-Itinerarju tal-Pellegrin ta' Piacenza («Itinerarium Antonini Placentini») – ca. 570 AD.
Sofronju, Patrijarka ta' Ġerusalemm: żewġ Poeżiji fuq



il-Belt Qaddisa («Anacreontica XIX u XX) – ca. 600 AD.
L-Itinerarju ta' l-isqof Arculfo («Adamnani De Locis Sanctis») – ca. 670 AD.
San Franġisk ukoll iddeċieda li jmur pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa fl-1219. Sant'Injazju ta' Loyola ġie fl-Art Imqaddsa fl-1523. Aktar tard Injazju rrakkonta lil ħabibu u sieħbu Pierre Favre li "inħakem minn nar ta' mħabba meta ra jiġġeddu quddiem għajnejh il-misteri tal-ħajja ta' Kristu u l-Passjoni tiegħu, u bħala riżultat, hu xtaq li jibqa' hemmhekk għal ħajtu kollha".
Pierre Maraval, espert fuq l-itinerarji tal-pellegrini,



iddedika bosta paġni tal-ktieb tiegħu «Lieux saints et pèlerinages d'Orient» għall-użu li l-pellegrini kienu jagħmlu mill-Iskrittura mqaddsa waqt il-pellegrinaġġi tagħhom. Inġibu ftit mill-konklużjonijiet tiegħu. Waqt il-pellegrinaġġi tal-qedem kienu jimmeditaw mhux biss it-Testment il-Ġdid, imma wkoll bosta paġni tat-Testment il-Qadim. Hekk il-pellegrini kienu jieqfu biex jimmeditaw quddiem il-qabar ta' Adam (taħt il-Kalvarju), il-post tas-sagrifiċċju ta' Iżakk (fuq l-għolja ta' Morija), Betel, fejn Ġakobb ra s-sellum wieqaf bejn is-sema u l-art, l-Għolja tan-Nebo, il-qabar ta' Ġob, Mambre, il-bir ta' Ġakobb fis-Samarija, Ġeriko, u s-Sinaj. Dawn il-postijiet kienu kollha parti mill-pellegrinaġġ. B'hekk it-TĠ u t-TQ jifformaw l-istess rivelazzjoni ta' Alla. Nistgħu ngħidu li l-Bibbja kienet il-ktieb ta' gwida tal-pellegrini tal-qedem. Il-pellegrin ta' Bordeaux jikkwota l-postijiet bibliċi kollha li minnhom għadda: Sarepta fejn il-profeta Elija mar għand l-armla; l-Għolja tal-Karmelu, fejn Elija offra s-sagrifiċċju tal-ħruq; Ċesarija bil-battisteru («balneum») taċ-ċenturjun Kornelju; il-Muntanja Garizim u l-bir ta' Ġakobb, fejn hu fakkar ukoll il-vjolenza li sofriet Dina, bint Ġakobb. Maġenb il-bir ta' Ġakobb hu ra s-siġar li kien ħawwel Ġakobb; f'Betel hu ra s-siġra tal-lewż li taħtha Ġakobb kellu l-viżjoni tiegħu; f'Ġerusalemm hu ra l-kamra li fiha Salamun kiteb il-Ktieb ta' l-Għerf, u s-siġra tal-palm li minnha n-nies ta' Ġerusalemm qatgħu l-friegħi għad-daħla trionfali ta' Ġesù f'Ġerusalemm nhar Ħadd il-Palm.

Il-Bibbja kienet ukoll il-gwida tal-pellegrina Egeria. Hi kienet trid tiżgura ruħha mit-tradizzjonijiet bibliċi kollha bl-għajnuna tal-qassisin fl-Eġittu u ta' l-isqof ta' Haran. Hi rat il-blata li fuqha Mosè kisser it-twavel tat-Torah (tal-Liġi, jew Kmandamenti), il-ġebla li fuqha Aaron il-qassis kien qiegħed l-għoġol tad-deheb, u l-istatwa tal-mara ta' Lot fil-Baħar il-Mejjet. Dawn il-kurżitajiet kollha kienu jiġu bbażati fuq it-test Bibliku. L-għarfien tal-kuntest ġeografiku kien jgħin

lill-pellegrin biex jirrappreżenta l-ġrajjiet ta' l-Iskrittura. Hu ovvju li fl-iskavi arkeoloġiċi ta' żminijiet il-qedem, in-nies ma kinux daqshekk eżatti dwar l-istoriċità kif aħna llum fit-tiftix xjentifiku tagħna. Minkejja dan, il-kurżità tagħhom kienet imqanqla mill-imħabba li huma kellhom lejn l-Iskrittura.
L-Iskrittura kienet ukoll tieħu l-ħajja fil-liturġija u fiċ-ċelebrazzjoni tal-kelma ta' Alla. Id-distanza bejn l-imgħoddi u l-preżent kienet tiġi kkanċellata fiċ-ċelebrazzjoni liturġika. Il-Bibbja u s-sagramenti kienu ż-żewġ imwejjed li fihom il-pellegrin kien jiltaqa' mal-Mulej tiegħu, għaliex hu kien ġie l-Art Imqaddsa preċiżament għal laqgħa bħal din. L-Iskrittura kienet ukoll il-ktieb li kien jgħin lill-pellegrin biex iżomm quddiem għajnejh il-figura ta' Kristu, jiftakar fiha, sabiex b'hekk hu jikseb il-fejqan waqt ir-"raqda" spiritwali li hu kien jagħmel bil-lejl f'diversi postijiet u f'xi santwarji.



Teoloġija tal-Postijiet Qaddisa
Il-Pellegrini ma kinux jiġu biss biex jagħmlu verifika tal-postijiet bibliċi. Huma riedu li jkollhom ix-xhieda tal-ħajja ta' Ġesù, tal-mewt u l-qawmien tiegħu. Huma kien jiżviluppaw teoloġija tal-Postijiet Qaddisa. Dawn il-Postijiet kienu jiġbdu lejhom irġiel u nisa li kienu jridu jaraw u jivverifikaw il-kontenut ta' l-Iskrittura. Ewsebju ta' Ċesarija kiteb l-«Onomasticon» biex jippermetti li wieħed ikollu għarfien aħjar tal-postijiet li jiġu kkwotati fl-Iskrittura u juri t-tifsira tagħhom lill-qarrejja ta' l-Iskrittura.
Egeria ġiet fil-Postijiet Qaddisa biex tara b'mod akkurat («pervidere») il-postijiet li jitkellmu dwarhom il-Kotba Mqaddsa («Itinerarium» 7,1). Ġilormu stieden lil Marcella biex tiġi u żżur il-Palestina: "Aħna naraw il-ward tal-Galilija («videbimus»). Aħna naraw Kana («cernetur»). Fuq l-Għolja tat-Tabor aħna nikkontemplaw lis-Salvatur («cernemus»). Aħna naraw iż-żewġ għoljiet tal-Ħermon («videbitur»)" (Epist. 46,13). Li wieħed jara b'għajnejh il-



postijiet bibliċi kien ifisser li jiġi katekizzat u jitgħallem il-Kotba Mqaddsa.

L-għarfien tal-Postijiet Qaddisa tal-Bibbja ma kinetx biss esperjenza xjentifika. Il-pellegrini kienu jridu aktar minn sempliċi dokumentazzjoni. Huma kienu jridu li jiġu mqaddsin minn dan il-kuntatt. Il-Postijiet Qaddisa huma tifkiriet, memorjali. Il-waqfa («statio») fil-Post Qaddis kellha l-istess funzjoni taċ-ċelebrazzjoni liturġika: hi kienet tattwalizza l-ġrajja mfakkra fl-Iskrittura permezz tat-talb. Il-liturġija ta' Ġerusalemm kienet tiġi ċċelebrata fuq l-istess post fejn seħħew il-ġrajjiet, u speċjalment il-liturġija tal-Ġimgħa mqaddsa. Il-pellegrinaġġi ta' Egeria u Ġilormu juru dan b'mod ċar. Din il-liturġija kienet tinkludi talb, qari mill-Iskrittura skond il-post li fih kienet tieqaf Egeria. Hi riedet tagħmel esperjenza tat-tifsira ta' l-Iskrittura.

Ġilormu kiteb lil Marcella: "Kull darba li aħna nidħlu fil-qabar ta' Kristu, aħna naraw il-Mulej imkeffen fil-liżar, aħna naraw l-anġli bilqiegħda" (Epist. 46,5). Meta jitkellem mill-esperjenza ta' Paula, hu jikteb: "Fuq l-għolja tal-Golgota; għarkubbtejha quddiem is-salib, hi adurat lil Ġesù bħallikieku kien imsammar mas-salib" (Epist. 108.10).

### Qari tipoloġiku ta' l-Iskrittura

Xi mindaqqiet Ġilormu jagħmel eżeġeżi ta' l-Iskrittura waqt li jżur il-Postijiet Qaddisa. Meta jgħaddi mill-Għolja ta' Sijon, hu jiftakar fis-Salm 86,2: "Il-Mulej iħobb il-bibien ta' Sijon aktar mill-għamajjar kollha ta' Ġakobb". Meta jara r-rovini ta' Ġerusalemm hu jispjega li l-bibien ta' Ġerusalemm huma bħall-bibien tal-Knisja, hekk li l-Ġehenna (setgħat ta' l-infern) ma jifilħux għalihom. Ġilormu jispjega għaliex Paula ma ridetx tmur f'Kyriat Sepher, il-belt tal-ktieb: għaliex "l-ittra toqtol imma l-Ispirtu jagħti l-ħajja" (Epist. 108,11). Il-bliet tat-Testment il-Qadim kienu jħabbru r-realtà tat-Testment il-Ġdid: "It-tnax-il ġebla ta' Galgala jfissru l-pedamenti

tat-tnax l-appostli" (Ġilormu, Epist. 108,12). In-nixxiegħa ta' Elija f'Ġeriko li tikseb il-ħlewwa tagħha b'miraklu tal-profeta tfisser il-Liġi tal-Lhud, li qabel kienet morra, imma li saret ħelwa meta ġie l-veru Elija. Dan il-metodu kif kien jinqara t-Testment il-Qadim jissejjaħ "tipoloġiku" (qari u interpretazzjoni tas-simboli fl-Iskrittura).

Qari eżistenzjali ta' l-Iskrittura
Il-Postijiet Qaddisa kienu «martyria», jiġifieri xhieda ta' l-Iskrittura Mqaddsa. San Ċirillu, isqof ta' Ġerusalemm, jiżviluppa din l-idea: "Tgħallmu minn dak li taraw b'għajnejkom" (Cat. Mistagogiche 12,4). Ġesù ġie msallab. Dan il-post tal-Golgota hu xhieda ta' dan (Cat. 4,10; 10,19). Din ix-xhieda trid tikkonvinċikom.
Fl-aħħarnett il-kelma ta' Alla kellha titqiegħed fil-prattika wara li l-pellegrin kien jara, jmiss ir-relikwi u jagħmel esperjenza tal-Postijiet Qaddisa. L-Iskrittura Mqaddsa kienet terġa' toħloq mill-ġdid is-sensi u tagħti sensi spiritwali lill-Pellegrin li jersaq bil-fidi lejn il-Postijiet Qaddisa. Il-pellegrin seta' jadura lill-Mulej tiegħu, ukoll jekk kull ma jagħmel kien li jqim ir-relikwi («honoramus»). Ir-relikwi kienu reċipjenti ta' enerġija divina li minnha kienet titnissel is-salvazzjoni tagħna (Ġwann Damaxxenu, Contra Imag. Calumn. Oratio 3,34).
Issa niġu għall-konklużjoni kurjuża. Il-pellegrini tal-qedem kienu jġorru magħhom



il-ktieb ta' l-Iskrittura? Nafu biss b'eżempju wieħed fil-letteratura. Pietro Iberio kien jivjaġġa bit-test ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann li fih kien iħares b'għożża relikwa tas-salib imqaddes. Il-pellegrini l-oħrajn x'aktarx li kienu jgħożżu u jħarsu l-Bibbja fil-qalb tagħhom.

**Frédéric Manns OFM**
**Studium Biblicum**
**Franciscanum - Ġerusalemm**



# Iċ-ċirkustanzi soċjali tal-Lhud fil-Palestina u d-Diaspora fi żmien il-Ġdid Testment

Iż-żmien tal-Ġdid Testment huwa żmien l-espansjoni ta' l-Imperu Ruman. Fil-Provinċji ta' l-Imperu il-ġurisdizzjoni suprema kienet f'idejn ir-Rumani li mbagħad ħallew intatti ħafna miċ-ċirkostanzi legali u politiċi. Allura, per eżempju, fi żmien il-ħakma ta' Erodi l-Kbir, fil-Palestina kellna stat Lhudi; u anke meta fis-sena 6 wara Kristu l-Lhudija waqgħet taħt il-ġurisdizzjoni diretta ta' Gvernatur Ruman, is-Sanhedrin seta' jkompli jeżerċita l-uffiċċju tiegħu bħala l-awtoritàLhudija suprema. L-ogħla poter ġudizzjarju kien f'idejn il-Gvernatur Ruman, imma s-Sanhedrin kellu d-dritt li jkompli jorganizza il-kult fit-Tempju ta'

Ġerusalemm u l-karattru tal-ħajja Lhudija. Il-Lhud biss kellhom joqogħdu attenti li jipprovokaw l-awtoritajiet Rumani.

Il-Lhud tad-Diaspora, jiġifieri dawk li kienu jgħixu barra l-Palestina, kellhom il-protezzjoni tal-privileġġi li l-Imperatur Ruman kien tahom. Setgħu iwaqqfu sinagogi, jorganizzaw il-kult u jinsistu fuq l-osservanza tal-Liġi ta' Mose' fost il-Lhud. Anke jekk din l-osservanza kienet tiddistingwihom mill-oħrajn, huma kienu parti integrali tas-soċjetà in ġenerali u fosthom wieħed seta' jsib merkanti żgħar, ħaddiema tas-sengħa, atturi u saħansitra tallaba!

Iċ-ċirkustanżi ekonomiċi tal-Lhud fil-Palestini nistgħu ngħidu li kienu modesti. Kienu biss gruppi żgħar ta' nies, mill-klassi għolja f'Ġerusalemm u l-proprjetarji fil-Galilija li nistgħu ngħidu li kienu qegħdin tajjeb ħafna. Il-biċċa l-kbira tal-poplu kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum mill-biedja, mis-snajja' u minn xi negozju żgħir. Il-biedja kienet aktar ikkonċentrata fit-tramuntana, filwat li l-Lhudija kienet tippresta ruħha aktar għall-mergħat tal-bhejjem. Madwar il-Baħar tal-Galilija ħafna kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum mis-sajd filwaqt li fil-Wied tal-Ġordan wieħed seta' jsib il-koltivazzjoni tad-dwieli u tas-siġar tat-tin. Kulħadd kellu jaħdem iebes biex igħix… barra l-pubblikani li kienu jiġbru t-taxxi f'isem ir-Rumani. Kien żmien ta' faqar u miżerja, anke jekk f'Ġerusalemm wieħed seta' jsib diversi swieq li ħolqu ftit prosperità In-nies ta' Ġerusalemm kellhom fama mhux dejjem tajba f'dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ! Is-serq kien komuni ħafna fit-toroq li kienu jieħdu lejn Ġerusalemm u għal ħafna raġunijiet bħal dawn diversi familji Lhud kienu jippreferu jemigraw u jgħixu fil-komunitajiet Lhud fid-Diaspora.

Il-familja Lhudija kienet tgħix f'dar żgħira. Bil-lejl kulħadd kien jintasab f'kamra waħda (Lq 11, 7). Il-missier kien jaqla' l-ħobża ta' kuljum biex jindokra lill-familja tiegħu u jgħallem il-Liġi ta' Mose' lil uliedu subien. Il-mara ma kenitx titqies indaqs mar-raġel.

Fil-Ġudajiżmu iż-żwieġ kien jitqies bħala kmandament divin (Ġen 1, 28). Iż-żwiġijiet kienu jsiru fiż-żgħożija bikrija: l-irġiel kienu jiżżewġu bejn it-tmintax u l-erbgħa u għoxrin sena, filwaqt li l-mara kien ikollha bejn tnax u erbatax-il sena. Bl-għerusija iż-żgħażagħ kienu jitqiesu bħala legalment ta' xulxin u din kienet issir permezz ta' ftehim legali ma' missier il-mara. Qabel iż-żwieġ ir-raġel kellu jwiegħed f'sem il-mara obbligazzjoni ta' somma ta' flus li tingħata lill-mara fil-każ li jiddivorzjaha jew fil-każ li jmut. L-għerusija setgħet tinħall biss permezz tal-kitba tad-divorzju, u wara ż-żwieġ id-divorzju kien prerogativa tar-raġel li seta' jibgħat lil martu bil-kitba tad-divorzju. Minħabba s-somma tal-flus li kellha tingħata fil-każ tad-divorzju, dan ma kienx komuni!

In-nisa kienu jitqiesu bħala inferjuri għall-irġiel: fil-fatt ma setgħux ikunu xhud fil-qorti u lanqas setgħu jieħdu parti attiva fil-kult. Fit-Tempju kellhom biss permess li jaslu sal-Bitħa tan-Nisa u fis-sinagoga setgħu biss jipparteċipaw billi jisimgħu. Kienu obbligati jħarsu l-projbizzjonijiet tal-Liġi ta' Mosè imma ma kinux obbligati jżommu l-kmandamenti kollha jew jistudjaw l-istess Liġi.

L-ilsiera, bħan-nisa, kienu obbligati jħarsu l-projbizzjonijiet tal-Liġi ta' Mosè imma ma kenux obbligati jżommu l-kmandamenti kollha. Sid Lhudi kellu jeħles lill-ilsiera fis-sena sabbatika, jigifieri almenu seba' snin wara li jkun daħħalhom miegħu. Għaliex l-ilsir Lhudi kellu l-protezzjoni tal-Liġi ta' Mosè l-ilsiera mhux Lhud li kellhom jaħdmu ma' sidien Lhud, spiss kienu jduru lejn il-Ġudajiżmu bħala proseliti. Imma rridu niftakru li peress li ftit kienu n-nies għonja fil-Palestina, il-preżenza ta' ilsiera kien żgħir. Barra minn hekk, il-Lhud li kienu jinbiegħu ilsiera, spiss kienu jsibu Lhud ħuthom li kienu jħallsulhom biex jifduhom. Dawn kienu jissejħu ħielsa u kellhom anke s-sinagogi tagħhom (Atti 6, 9)

**Marcello Ghirlando OFM**



# L-INBID FIL-BIBBJA

Minħabba n-nuqqas ta' l-ilma l-inbid, fil-kuntest ta' l-Iskrittura, kien aktar jitqies bħala neċessità milli bħala lussu. Hu għalhekk li ħafna drabi l-inbid kien jitqies bħala sinjal tal-ħajja.

Għalhekk meta Iżakk ibierek lil Ġakobb igħidlu: "Jagħtik Alla min-nida tas-smewwiet u mill-frott ta' l-art kotra ta' qamħ u nbid" (Ġen 27, 28). U l-għarus ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet hekk igħanni lill-għarusa tiegħu: "Imħabbtek hija oħla mill-inbid…Bil-ferħ infakkru

mħabbtek wisq aktar mill-inbid"(Għan 1, 2.4).

Mal-qamħ u maż-żejt, l-inbid isir mhux biss sinjal tal-ħajja imma wkoll sinjal ta' barka. Għalhekk fil-Ktieb tad-Dewteronomju, hekk tiġi deskritta s-saħta li l-bniedem jiġbed fuqu bid-diżubbidjenza tiegħu: "…tħawwel id-dwieli u taħdimhom, imma nbid ma tixrobx, u ma tiġbor xejn għax jikolhom id-dud"(28, 39 u 51).

Għall-kuntrarju, l-inbid isir sinjal ta' barka fejn hemm l-ubbidjenza lejn ir-rieda ta' Alla: "…u l-qamħ u l-inbid u ż-żejt ikollhom tweġiba mill-art" (Hos 2, 23-24).

Fil-profeti l-inbid isir ukoll sinjal taż-żminijiet messjaniċi. Ġoel hekk iħabbar: "…u jiġri dakinhar il-muntanji jqattru inbid ġdid" (4, 18). Għamos jistqarr li "…l-inbid ġdid iqattar mill-muntanji" (9, 13) u Iżaija jgħid: "…u jagħmel il-Mulej ta' l-eżerċti għall-popli kollha fuq din il-muntanja, mejda b'ikel fin, mejda b'inbejjed ħelwa…" (25, 6).

L-inbid għalhekk isir sinjal qawwi ta' ferħ u barka. Salm 4, 8 igħanni: "Int nissilt il-hena f'qalbi aktar mill-kotra tal-qamħ u ta' l-inbid tagħhom!". Koħelet jistieden il-bniedem għall-ferħ meta igħid: "…u ixrob għal qalbek l-inbid tiegħek" (9, 7).

F'dal-kuntest huwa aktar faċli biex wieħed jifhem kif l-inbid il-ġdid, ta' oriġini misterjuża u abbundanti fit-tieġ ta' Kana (Gw 2, 1-12) huwa sinjal tal-ferħ, tal-barka, u tal-grazzja tal-presenza u tar-rivelazzjoni tal-persuna ta' Ġesu' Kristu.

"Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa".

L-inbid isir tabilħaqq sinjal tal-preżenza u l-opra ta' Ġesu' fil-Ġdid Testment, preżenza u opra li jidhru lil dawk li "jagħmlu kull ma jgħidilhom Ġesu'", frott l-ubbidjenza li ġġib il-veru barka.

"Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih".

**Marcello Ghirlando OFM**






*Ejjew nixtarru ftit flimkien ir-rakkont sabiħ ta' l-ewwel sinjal li jagħmel Ġesu' f' Kana tal-Galilija.*

"Mbagħad fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu".

Gwanni jikteb "Fit-tielet jum": dan huwa is-seba' jum skond il-kronoloġija tal-Vanġelu skond San Ġwann: sebat ijiem li jinkludu x-xhieda tal-Battista darbtejn, is-sejħa ta' l-ewwel

dixxipli, is-sejħa ta' Filippu u Natanael u wara tlett ijiem it-tieġ ta' Kana. It-tieġ ta' Kana mela jagħlaq l-ewwel ġimgħa tal-Vanġelu ta' San Ġwann, ġimgħa li tfakkarna fis-sebat ijiem tal-ħolqien li jagħlqu bix-xena ta' Alla l-Ħallieq li jistrieħ u jitpaxxa bil-ħolqien tiegħu. B'dan il-kliem għandna wkoll allużjoni għall-qawmien ta' Ġesu'. F'2, 9 kellu jgħid: "Ħottu dan it-tempju u fit-tielet jum jien nerġa' ntellgħu". Is-siegħa ta' Kana fil-fatt kellha tanticipa is-siegħa tal-glorja – il-mewt u l-qawmien ta' Ġesu', siegħa li fiha l-omm kellha tkun preżenti.
"Sar tieġ f'Kana tal-Galilija": Kana mhux bogħod minn Nażaret – huwa l-post fejn Ġesu' kien sejjaħ lil Natanel u anke l-post fejn kellu jfejjaq lil Bin l-Uffiċċjal aktar tard fil-Vanġelu.
It-tieġ fi żmien Ġesu' kien ġrajja importanti għall-għarajjes. Ġrajja li kienet tiġi ċċelebrata matul il-medda ta' diversi jiem. Għal dan it-tieġ "Omm Ġesu' kienet hemm". Marija qatt mhija msejħa b'isimha fir-raba' Vanġelu. Hija preżenti f'din ix-xena li tiftaħ ir-rivelazzjoni ta' Ġesu'u taħt is-salib, fis-siegħa tal-glorja meta Ġesu' jirrivela għal kollox l-imħabba tal-Missier lejn il-bnedmin kollha.
"Ġesu' kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu": mad-dixxipli (Natanael kien minn Kana)…li bdew isiru l-familja tiegħu.
"Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."
"Ma għandhomx inbid": hija Omm Ġesu' li tinduna – l-għarajjes isiru għajn tal-preokkupazzjoni ta' Marija. Għaliha importanti kienu l-għarajjes li kienu se jiġu umiljati.
Hawnhekk ta' min jiggosta d-don ta' l-osservazzjoni ta' l-Omm, id-delikatezza tal-qalb tagħha, il-kompassjoni tagħha għal dawn l-għarajjes.
Tidher ċara totali li kienet qiegħda turi f'binha: hi ma talbitx miraklu imma b'fiduċja sempliċi imma ta' l-għaġeb tafda lilha nfisha u l-għarajjes, u kull min kien preżenti fit-tieġ ta' Kana lil Binha.
"X'hemm bejni u bejnek mara! Is-siegħi tiegħi ma waslitx": b'din il-frażi enigmatika Ġwanni juri li r-relazzjoni tad-demm bejn il-Mulej u Ommu ġiet sorpassata. Ghandna eku ta' Luqa 2, 49: "U għaliex kont qegħdin tfittxuni, ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri" u Mark 3, 33-34: Min huma ommi u ħuti? "Dawn ara kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla".
Marija tirrinunċja għar-rabtiet tad-demm u trendi lilha nfisha kompletament disponibbli għall-opra ta' l-Iben u twassal lill-oħrajn jagħmlu l-istess bil-ħlewwa kollha. Mir-rwol ta' Omm Ġesu'skond il-ġisem issir omm spiritwali ta' dawk kollha li kellhom jemmnu f'Ġesu' - ikkonfermata hekk taħt is-salib ta' Ġesu.

*Skavi f'Kana tal-Galilija*





*Is-Santwarju ta' Kana tal-Galilija*

Ġesu' jsejjaħ lil ommu "mara": il-mara li kellha ssir Omm il-ħajjin kollha, Mara li tiġbor fiha l-fidi tal-poplu ta' Iżrael.
Ġesu' jitkellem "siegħa tiegħu" hija s-siegħa ta' l-eżaltazzjoni ta' Ġesu', is-siegħa tal-glorja, is-siegħa tas-salib, tal-qawmien u t-tlugħ fis-sema tiegħu.,
"Omm Ġesu' qalet lill-qaddejja: agħmlu kull ma jgħidilkom hu": huwa kliem li jikkonferma il-fidi u l-fiduċja sħiħa li Marija kellha f'Binha, fiduċja li tittrasmettiha lill-qaddejja, lil dawk kollha li kellhom ikunu dixxipli tal-Mulej Ġesu'.
B'dan il-kliem Marija issir Iżrael il-Ġdid u xbiha tal-Knisja. Fi kliemha hemm eku tal-ubbidjenza tal-poplu fuq is-Sinaj: " Kull ma qalilna l-Mulej nagħmluh" u tal-mandat li Ġesu' jħalli lill-Appostli, il-Knisja: "morru għallmuhom jagħmlu kull ma għidtilkom jien".
"Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, mqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda minnhom tasa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xifer. Mbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu".
"Is-sitt ġarar tal-ħaġar": dawn kienu importanti għall-purita' ritwali. Il-ħaġar kien iżomm l-ilma safi, ilma li kien jintuża għall-ħasil ritwali tal-Lhud. Hawnhekk isiru sinjal tar-rivelazzjoni ta' l-Antik Testment. Rivelazzjoni li hija imperfetta. Ir-rivelazzjoni ta' Ġesu', murija fis-sinjal ta' l-inbid hija dik perfetta u definita.
Dawn il-ġarar imtlew sax-xfar: "imlewhom sax-xifer": għandna b'hekk l-idea ta' l-abbundanza, l-abbundanza tar-rivelazzjoni tal-Mulej Ġesu'.
Isseħħ trasformazzjoni radikali: bħalma kellu jkattar il-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet biex jitma' 5,000 b'tnax-il qoffa ta' fdal…bħalma l-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar f'nofsna…bħalma l-ilma li joffri Ġesu'jsir għajn li twassal sal-ħajja ta' dejjem…bħalma l-marid kellu jieħu saħħtu, hekk l-ilma fis-sitt ġarar jiġi mibdul f'inbid…sinjal tal-ferħ, sinjal tal-presenza ta' Ġesu' Messija, sinjal ta' abbundanza ta' grazzja u mħabba.
"Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa".
Ü billi ma kienx jaf mnejn ġie": għandna inbid b'oriġini

misterjuża…bħall-ilma u l-ħobż li joffri Ġesu'….għax huwa sinjal tal-persuna ta' Ġesu', ta' l-opra tiegħu.
"Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu s'issa": għax l-inbid isir sinjal tal-preżenza u l-opra ta' Ġesu' fil-Ġdid Testment.
"Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih. Wara dan, niżel Kafarnahum, hu, ommu, ħutu u d-dixxipli tiegħu, iżda ma qagħdux hemm għal ħafna żmien".
Meta naqraw u niggustaw dan is-sinjal mill-ewwel nindunaw li Kristu huwa ċ-ċentru tar-rakkont: Kana hija KRISTOFANIA…fis-seba' jum tal-manifestazzjoni tiegħu. Manifestazzjoni ta' Ġesu' Messija li jinawgura ż-żminijiet ta' abbundanza, ż-żminijiet messjaniċi mħabbra mill-profeti taħt ix-xbiha tat-tieġ u l-ikla messjanija. Ġesu' huwa dak li jmexxi lill-qaddejja. Ġesu' jidher fil-kobor tiegħu fis-sinjal ta' l-inbid ġdid u abbundanti. Għalhekk għanda fil-veru sens tal-kelma rivelazzjoni tal-PERSUNA TA' ĠESU': tmiem l-Antik Tesmtment u bidu tal-Ġdid Testment.
F'Kana, l-inbid jantiċipa is-siegħa ta' Ġesu', fil-presenza ta' Marija - l-inbid huwa sinjal ta' Ġesu' u l-perfezzjoni tar-rivelazzjoni tiegħu. Bħalma fit-tielet jum ingħatat il-Liġi (Torah) lil Iżrael, hekk fit-tielet jum tas-siegħa tiegħu, Ġesu' jingħata lill-bnedmin bħala l-ikbar u l-isbaħ rivelazzjoni tal-Missier.

Anke MARIJA għandha post importanti f'dan l-ewwel sinjal għax hija tmexxi lill-Iben biex juri l-glorja tiegħu. Il-FIDI tad-dixxipli hi megħjuna mill-ħidma medjatriċi ta' Marija. Mela Marija hija l-medjatriċi tar-rivelazzjoni ta' Ġesu'. Hija l-medjatriċi tal-fidi tad-dixxipli. Marija, għal Ġwanni, hi kbira, għax hi omm il-Messija, omm il-Feddej, omm l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, omm id-dixxipli f'Kana u kkonfermata hekk minn Binha taħt is-salib. Marija hija Omm il-Ħajja, Eva l-Ġdida, Iżrael il-Ġdid, Xbiha tal-Knisja li temmen, Omm il-Ħajjin kollha. Dik li hi medjatriċi tar-rivelazzjoni ta' Ġesu'fis-sinjal ta' Kana, hi spettatriċi u attriċi fir-rivelazzjoni suprema ta' l-Iben fuq il-Golgota.
Kliemha għadu jidwi f'widnejja sal-ġurnata tallum: "Agħmlu dak li jgħidilkom hu".

**Marcello Ghirlando OFM**



*Kana tal-Galilija*

# IL-BIBBJA f'idejna

Marcello Ghirlando OFM



- Il-Ktieb ta' Ġoel
- Il-Ktieb ta' Żakkarija
- Il-Ktieb ta' Ester




# IL-KTIEB TAL-PROFETA ĠOEL

### Il-Ġudizzju ta' Alla

Irridu nammettu li ma tantx għandna informazzjoni preċiża fuq il-Ktieb tal-Profeta Ġoel. Dan il-profeta jssejjaħ lilu nnifsu "Ġoel, bin Petwel"(1, 1). Imma jidher li din hija l-unika informazzjoni ċerta li għandna. Hemm min igħid li kien profeta 'kultwali', jiġifieri profeta li kien jaħdem fit-Tempju ta' Ġerusalemm, jew inkella ismu jindika xi grupp ta' profeti. Hu x'inhu, l-opra li jagħtina Ġoel hija opra poetikament mill-isbaħ u ta' profondità reliġjuża mirquma, anke jekk huwa diffiċli nagħtuha data preċiża.

L-istudjużi ma jaqblux ukoll kif għandhom jaqsmu dan il-Ktieb. Hemm min jippreferi jaqsam l-opra tal-Profeta Ġoel fi tnejn: fl-ewwel żewġ kapitli għandna qisu għanja li tiddeskrivi disastru naturali, invażjoni ta' ġradijiet li jeqirdu l-uċuħ tar-raba', u li ssir okkażjoni biex il-poplu jumilja ruħu quddiem Alla biex jirċievi l-grazzja tiegħu. it-tielet u r-raba' kapitlu mbagħad, jiġbru fihom sensiela ta' orakli profetiċi li jitħaddtu mill-Jum tal-Mulej.

### Messaġġ inċisiv

Minkejja dawn id-diffikultajiet kollha, meta wieħed jaqra flimkien il-Ktieb tal-Profeta Ġoel, jinduna li jista' jislet messaġġ ċar u incisiv. Ġoel isejjaħ lill-bniedem biex ineħħi minnu nnifsu kull sigurtà falza, jinża minnu nnnifsu u jafda kompletament f'Alla biex ikun jista' jirċievi s-salvazzjoni, u dan b'mod partikulari meta irid jiġi wiċċímb wiċċ ma' 'Jum il-Mulej'.

Ġoel kontinwament jagħmel allużjoni għal dan il-Jum tal-Mulej, Jum kbir u ta' l-għaġeb, li jiġi deskritt bil-lingwaġġ qawwi tad-disastri naturali. Dan il-Jum huwa l-jum li fih il-bniedem jitneżża' minn kollox…u b'att ta' fiduċja sħiħa f'Alla jimtela bi spirtu ġdid, l-Ispirtu tal-Mulej: "Wara dan , jiġri li jiena nsawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha. Uliedkom

**Għar-riflessjoni:**
Ġoel 1, 13-20
Ġoel 2, 18-20
Ġoel 3, 14-17
Ġoel 4, 18-21

**Itlob b'dawn is-siltiet:**
Ġoel 2, 12-17
Ġoel 3, 1-5




u s-sejħan ta' isem il-Mulej li jsalva: "Iżda mqar issa, oraklu tal-Mulej, erġgħu duru lejja bi qlubkom kollha, bis-sawm bil-biki u bl-ilfiq; ċarrtu qlubkom, u mhux ilbieskom, u erġgħu duru lejn il-Mulej, Alla tagħkom, għax hu twajjeb u ħanin, tqil biex jinkorla, u kollu tjieba; u jisgħobbih għall-ħażen" (2, 12-13).

Il-bniedem niedem, li jdur lejn il-Mulej b'qalbu kollha, jitħabbrulu tliett orakli ta' fidwa (2, 18-27; 3, 5; 4, 18-21). Alla jwiegħed ħajja ġdida lil kull min idur lejh u jwiegħdu l-għarfien tal-Mulej: "U tagħrfu li jien ninsab f'nofs Iżrael, u li jiena l-Mulej, Alla tagħkom, u m'hemmx ħliefi! U l-poplu tiegħi ma jkollu qatt iżjed mniex jistħi" (2, 27); "Mbagħad tagħrfu li jien il-Mulej, Alla tagħkom, li ngħammar f'Sijon, il-muntanja mqaddsa tiegħi!" (4, 17).

iħabbru, subjien u bniet, ix-xjuħ tagħkom ikollhom ħolm, iż-żgħażagħ tagħkom jaraw viżjonijiet. U mqar fuq il-qaddejja, rġiel u nisa, nsawwab l-ispirtu tiegħei f'dawk il-jiem. Fis-sema u l-art nuri sinjali, demm u nar u kolonni ta' duħħan! Ix-xemx tinbidel fi dlam, u l-qamar f'demm, qabel ma jasal Jum il-Mulej, kbir u tal-biża'! U kull min isejjaħ isem il-Mulej jinħeles, għax fuq il-muntanja Sijon ikun hemm is-salvazzjoni, kif qal il-Mulej, u f'Ġerusalemm jibqgħu xi wħud li l-Mulej isejjaħ" (Kapitlu 3). Fil-kapitlu erba' l-idea tal-bniedem li jinża' minn kwalunkwe sigurtà umana tieħu l-forma tal-ġudizzju universali.

Il-bniedem li jiċċekken huwa dak li jħejji ruħu biex idur lejn il-Mulej, jikkonverti lejn Alla tiegħu. Hija konverżjoni tal-qalb

## Fil-Ġdid Testment

F'dan id-dawl, Pietru, fl-Atti ta' l-Appostli (Atti 2, 17-24), jispjega l-ġrajja ta' Pentekoste bil-kliem tal-Profeta Ġoel (3, 1-5). Il-mument deċisiv tal-fidwa li jħabbar il-Profeta jseħħ meta kull min jemmen f'Ġesu'jirċievi l-qawwa tremenda ta' l-Ispirtu s-Santu. Huwa l-Ispirtu li jwassal lin-nisrani biex jagħraf, fis-sens sħiħ tiegħu, fil-verità lil Alla.

*Għal aktar tagħrif:* SCHEMBRI G., Kors Ġdid fuq il-Bibbja, Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa, Ed. Tau 2003, 78-79;
SPITERI D., Il-Ktieb tal-Profeta Għamos, Enċiklopedija Biblika, Media Centre 2003, 231-232.

### Punti għad-diskussjoni:

1. "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom"; xi tfisser?
2. Xi tfisser li l-bniedem ineħħi kull sigurta' biex jafda f'Alla biss?
3. Min hu l-Ispirtu tal-Mulej għal Ġoel?
4. X' taħseb fuq il-ġudizzju universali?



# IL-KTIEB TAL-PROFETA ŻAKKARIJA

## Twissija u Tama

Meta naqbdu f'idejna l-Ktieb tal-Profeta Żakkarija rridu ta' bilfors inżommu quddiem għajnejna li huwa prattikament ċert li dan inkiteb minn żewġ awturi. Il-Profeta Żakkarija li huwa kontemporanju għall-Profeta Ħaggaj (Kapitli 1 – 8) u awtur ieħor magħruf bħala Dewtero-Żakkarija (It-tieni Żakkarija – Kapitli 9-14). Żewġ opri mela, fi ktieb wieħed.

## Żakkarija

Il-Profeta Żakkarija, "bin Barakija, bin Għiddu" (Kapitli 1-8) huwa kontemporanju mal-Profeta Ħaggaj u ħadem bejn Ottubru-Novembru tas-sena 520 qabel Kristu (1, 1) sa Novembru 518 (7, 1), tlett snin qabel id-dedikazzjoni tat-Tempju wara l-eżilju. Dan huwa Profeta li ried iwettaq il-qawmien reliġjuż imwassal bil-predikazzjoni ta' Ħaggaj billi kompla qanqal it-tama fost il-Lhud, filwaqt li kompla jseħilhom għall-konverżjoni u għall-fedeltà. Kien minn familja saċerdotali u fil-predikazzjoni tiegħu jinsisti ħafna fuq l-importanza tat-Tempju u l-qdusija ta' l-Art Imqaddsa.

Meta nieħdu f'idejna l-opra tiegħu nindunaw li hija mibnija fuq tmien viżjonijiet irrakkuntati mill-profeta stess u li bdew f'nofs ix-xahar ta' Frar 519: "Fl-erbgħa u għoxrin jum tal-ħdax-il xahar, li huwa x-xahar ta' Xebat, fit-tieni sena ta' Dariju, il-kelma tal-Mulej waslet lill-profeta Żakkarija, bin Barkija, bin Għiddu" (1, 7). Il-ktejjeb tal-viżjonijiet fih ukoll għaġna ta' orakli tal-profeta: kelma ta' kuraġġ lill-eżiljati (2, 10-17), wegħda lil Ġożwe', il-Qassis il-Kbir (3, 8-10), kelma ta' kuraġġ lill-gvernatur, Żorobabel (4, 6-10).

Meta wieħed jaqra flimkien dawn it-tmien kapitli jinduna li l-ewwel tliett viżjonijiet donnhom tħejjija għal żmien il-Messija, iż-żewġ viżjonijiet ċentrali jitkellmu mit-tmexxija tal-miġemgħa l-ġdida u l-aħħar tlieta jagħtu ħjiel tal-kundizzjonijiet tat-tiġdid finali. Flimkien u permezz tagħhom, Żakkarija juri kif Alla, Kbir u Qaddis, jikkomunika permezz ta' l-anġlu tiegħu mal-bnedmin permezz tal-kelma tiegħu u l-viżjonijiet. Hija kelma li tgħaddi mill-profeta, profeta li jqanqal it-tama fost il-poplu tiegħu. Kellha tkun tama li tħeġġeġ lill-poplu biex minn sitwazzjoni ta' qtigħ il-qalb tinbidel f'sitwazzjoni ta' tama u azzjoni. Azzjoni li kellha sseddaq il-bini mill-ġdid tat-Tempju u tal-kult sinċier li kellu jiftaħ il-qlub għad-don tal-fidwa…u għall-istennija tal-figura tal-Messija

## It-Tieni Żakkarija

Il-kapitli 9-14, ma' l-ewwel daqqa t'għajn,



jidhru differenti mill-ewwel tmienja. Meta wieħed jaqra dawn il-kapitli jinduna li s-sitwazzjoni storika inbiddlet; żmien it-tiġdid tal-miġemgħa nbidlet u l-istennija messjanika marbuta mal-bini mill-ġdid tat-Tempju u mal-persuna tal-gvernatur Żorobabel issa daret fuq personaġġi oħra: is-sultan-messija fqir (9, 9-10), ir-ragħaj it-tajjeb miċħud (11, 4-14) u l-personaġġ misterjuż "dak li jkunu nifdu" (12, 10). Il-profeta u l-anġlu li jitkellmu fl-ewwel parti, ma jitkellmux aktar.

Fuq dawn il-kapitli inkiteb ħafna: jista' jkun li huma biċċiet li nkitbu għall-bidu tas-seklu erbgħa qabel Kristu u li jistgħu jinqasmu f'żewġ partijiet prinċipali.

Fl-ewwel parti 9, 1 – 11, 17, il-profeta jħabbar intervent dirett ta' Alla, li jsaffi lill-popli ta' madwar u jgħaqqadhom mal-poplu l-magħżul. Is-sultan-messija umli jwaqqaf saltna ideali u l-Lhud mifruxin ma' kullimkien jerġgħu jingħaqdu flimkien. U dan kollu jkun opra ta' Alla biss. Ir-ragħaj-messija ma jirnexxilux iwettaq il-programm tat-tmexxija tiegħu minħabba is-sitwazzjoni reliġjuża tal-biki tal-mexxejja u tan-ngħaġ/il-poplu. Jiġi miċħud u floku jidħol ragħaj bla għaqal!

Fit-tieni parti, 12, 1-14,21, is-sagrifiċċju ta' "dak li jkunu nifdu" (12, 10) iwassal għal tiġdid: il-poplu meħlus mill-għedewwa tiegħu jimtela bi spirtu ġdid. It-tisfija tkompli sa ma twassal għat-tiġdid tal-patt (13, 2-9).

Meta wieħed jaqra flimkien dawn it-testi enigmatiċi imma sbieħ immens tal-profeta jinduna li fihom hemm idea doppja tal-messjaniżmu Lhudi. Hemm l-idea li l-fidwa tiġi biss minn Alla: Huwa hu li jeqred l-għedewwa u jgħaqqad flimkien lill-poplu. Mhux biss, imma jsaffi lill-popli ġirien u meta jibdew josservaw il-preċetti tal-Liġi, idaħħalhom jagħmlu parti mal-poplu tiegħu.

Din l-inizjattiva ta' Alla, f'siltiet oħra hija magħquda mal-ħidma ta' persunaġġ partikulari. Kif diġà għidna dan il-personaġġ huwa s-sultan-Messija fqir u umli, ir-Ragħaj it-tajjeb li bis-saħħa tas-sagrifiċċju tiegħu jiġġedded il-patt, u dak li "jiġi minfud" li bis-sagrifiċċju tiegħu iwassal biex il-qlub jiġu msoffija u mibdula. Kollha ideat li mbagħad jittieħdu mill-awturi tal-Ġdid Testment biex jifhmu dejjem aħjar il-figura u l-missjoni tal-fidwa ta' Ġesu' Kristu, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem (Mt 21, 4-5; Mt 26, 31; Mt 27, 9-10; Mk 14, 27; Ġw 12, 15 u 19, 37)

## IL-KTIEB TAL-PROFETA MALAKIJA

### Messaġġier tiegħi

Il-Ktieb tal-Profeta Malakija huwa dak li

**Għar-riflessjoni:**
Żakkarija 1, 1-6
Żakkarija 8, 1-8
Żakkarija 11, 4-17
Żakkarija 12, 1 – 13, 11

**Itlob b'dawn is-siltiet:**
Żakkarija 2, 10-17
Malakija 3, 1-4

jagħlaq is-sensiela tal-kotba profetiċi. Ismu jfisser 'messaġġier tiegħi' u spiss ġie assoċjat mal-prekursur tal-Messija, kif jagħlaq il-ktieb: "Ara, jiena nibgħatilkom 'l Elija l-profeta qabel ma jsal Jum il-Mulej u Jum il-biża'. U jdawwar qalb il-missirijiet lejn uliedhom u qalb l-ulied lejn missirijiethom, li ma niġix naħbat għall-art u nħalliha tinqered" (3, 23-24).

Hu probabbli, meta nżommu dan il-ktieb quddiem għajnejna, li nistgħu inqiegħdu lil dan il-profeta fil-kuntest storiku tas-snin 480-46- qabel Kristu. Mela żmien sew wara l-bini mill-ġdid tat-Tempju u t-iġdid tal-kult.

Jidher li dan kien żmien ta' xettiċiżmu. In-nuqqas ta' tama mess sewwa l-fidi u l-poplu reġa' waqa' fl-atteġġjamenti żbaljati tal-qedem: infedelta', traskuraġni fil-kult tat-Tempju, firdiet.

Malakija ma jiskotx quddiem dan kollu: iqiegħed quddiem għajnejn kulħadd ir-responsabbilitijiet tiegħu – lejn Alla u lejn il-proxxmu. Leħnu jsir leħen qawwi ta' tiġdid kultwali u morali fost il-poplu tiegħi.

Fit-tliett kapitli ta' dan il-ktieb huwa jitkellem b'kuraġġ, jiftaħ l-orizzonti tat-tama għall-Messija u jfakkar fil-Jum kbir tal-Mulej, Jum il-Ħaqq.

*Għal aktar tagħrif:* SCHEMBRI G., Kors Ġdid fuq il-Bibbja, Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa, Ed. Tau 2003, 76-77;
SPITERI D., Il-Ktieb tal-Profeta Għamos, Enċiklopedija Biblika, Media Centre 2003, 243-245.



*Il-Profeta Malakija*

Punti għad-diskussjoni:

1. Il-profeta huwa l-bniedem tal-viżjonijiet?
2. Il-profeta jipprova jfisser l-istorja fid-dawl ta' Alla?
3. "U huma jħarsu lejn dak li jkunu nifdu". Xi tfisser għalik?
4. Jum il-Mulej/Jum il-Ħaqq. Xi jfissru għalik?


Nru.59

# IL-KTIEB TA' ESTER

## Għajnuna fit-Tiġrib

Meta naqbdu f'idejna l-Ktieb ta' Ester irridu niftakru li dan wasal għandna f'żewġ forom: forma qasira bil-Lhudi, miktuba fi tmiem il-ħakma Persjana, u forma twila miktuba bil-Grieg, maħduma fis-sena 78/77 qabel Kristu, u li l-Knisja aċċettat biż-żjidiet kollha.

Dan il-ktieb jippreżentalna qisu dramm li jdur fuq xebba Lhudija, Ester, li minn eżiljata tasal biex issir Sultana tal-Persja. F'din l-istorja Ester issir il-protagonista tal-ħelsien tal-Lhud.

F'dan id-dramm diveri huma l-protagonisti li jissemmew: hemm Mordekaji li kien Lhudi u li kien sar qaddej tas-Sultan Assweru wara li kixef konfoffa li kienet qiegħda ssir kontra tiegħu; hemm Ħaman, ministru tas-sultan li jitlob li kulħadd jitbaxxa quddiemu, ħaġa li Mordekaj jirrifjuta li jagħmel. Dan l-atteġġjament ħaraq lil Ħaman li jilgħab lis-sultan u jġiegħlu jordna l-qerda ta' Mordekaj u l-Lhud kollha tal-Persja; jtellà bix-xorti jum għal din il-qerda. Hu hawnhekk li tidħol Ester: imqanqla minn Mordekaj hija tidħol għal-Lhud quddiem is-sultan, minkejja l-periklu għal ħajjitha u ssalvahom. Ħaman jiġi mgħallaq fil-forka li hu stess kien ordna li titlesta għal Mordekaj. Din il-ġrajja ssir okkażjoni ta' festa għal-Lhud.

Din il-ġrajja wasslet biex tiġi mwaqqfa l-festa tal-Purim (xorti) (9, 20).

## Dramm Storiku

Kulħadd jaqbel li dan il-Ktieb ta' Ester jippreżentalna dramm storiku: huwa maħluq biex jagħti raġunijiet storiċi u reliġjużi għal waħda mill-festi ż-żgħar tal-Lhud, dik tal-Purim. Din il-festa, li kellha u għad għandha aspett ta' Karnival, fil-fatt kienet festa li kienet issir fost il-Lhud li ħelsu mill-qerda fil-pajjiżi tal-Lvant, fi tmiem il-perijodu Persjan.

Aktar tard din il-festa bdiet issir ukoll fil-Palestina. U biex il-festa jkollha bażi, awtur mhux magħruf, kiteb bil-Lhudi dan id-dramm, fit-tieni seklu qabel Kristu. Il-verżjoni Ġriega żiedet xi testi li ma kinux miġburin fid-dramm Lhudi. Huma zjidiet li riedu jagħtu aspett aktar reliġjuż lil dan id-dramm.

*Għal aktar tagħrif:* SCHEMBRI G., Kors Ġdid fuq il-Bibbja, Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa, Ed. Tau 2003, 113-115; ZERAFA P.P., Il-Ktieb tal-Profeta Għamos, Enċiklopedija Biblika, Media Centre 2003, 146-147

**Punti għad-diskussjoni:**

1. Il-persekuzzjoni tal-Lhud: għaliex?
2. It-talba ta' Ester (Ċ 12-30): x'jidhirlek?

**Għar-riflessjoni:**
Ester 2, 1-14 ; Ester 9, 20-32

**Itlob b'dawn is-siltiet:**
Ester Ċ 1-11 ; Ester Ċ 12-30

# Pellegrinaġġi 2008

## KUMMISSARJAT TA' L-ART IMQADDSA




### "Nitilgħu lejn Ġerusalemm"

Hi x-xewqa ta' kull min iħobb l-Art tal-Bibbja, li fiha twieled u għex Ġesù. Il-Patrijiet Franġiskani joffrulek opportunità unika biex tara din l-Art Imqaddsa. Il-pellegrinaġġi li jorganizza l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa joħduk tara mhux inqas minn 30 Santwarju.

# *L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani*



## DATI GĦAS-SENA 2008

25 Mejju – 2 Ġunju
22 Ġunju – 30 Ġunju
13 Lulju – 21 Lulju
17 Awissu – 25 Awissu
31 Awissu – 8 Settembru
10 Settembru – 17 Settembru

KUMMISSARJAT TA' L-ART IMQADDSA
8, Triq Sta. Lucija, VLT1188
T: (356) 21242254 F: (356) 21252031
E: comalt@ofm.org.mt W: www.ofm.org.mt




# Vokazzjonijiet Franġiskani

*"Ir-Regola u l-Ħajja tal-Patrijiet minuri hi li jħarsu l-Evanġelju Imqaddes"*

Għażiż żagħżugħ, jekk tixtieq aktar informazzjoni jew
tixtieq tara iktar mill-qrib kif u fejn ngħixu aħna l-Franġiskani,

ikkuntatja lil: P. Joseph Magro OFM
Patrijiet Franġiskani, Triq San Pawl, Rabat RBT 1245, MALTA  Tel: 21 459 640

vok@ofm.org.mt
www.ofmvok.org

*ejjew u taraw!*